# Il-Fidi Evanġelika



Fi Kristu emminna
wara li smajnu l-kelma tas-sewwa
l-evanġelju tas-salvazzjoni tagħna

Joseph Mizzi

**Il-Fidi Evanġelika**

© Dr Joseph Mizzi 2002

# Werrej


1. L-Għarfien t'Alla
2. Il-Bibbja - Il-Kelma t'Alla
3. Il-Bibbja - Sola Scriptura
4. Alla - Ismijiet u Attributi
5. Alla - Trinità
6. Alla - Pjan u Providenza
7. Il-Bniedem - Maħluq
8. Il-Bniedem - Mitluf
9. Il-Bniedem - Mifdi
10. Il-Feddej - Min Hu
11. Il-Feddej - Ħidmietu
12. L-Ispirtu s-Santu
13. Ir-Riġenerazzjoni
14. Il-Ġustifikazzjoni
15. Il-Qdusija
16. Il-Knisja
17. It-Tieni Miġja
18. Id-Destin Finali

# 1. L-GĦARFIEN T'ALLA

L-għarfien t'Alla hu l-oħla esperjenza. Mingħajr Alla l-ħajja hi mewt, il-ġid faqar, il-ferħ illużżjoni. Min hu ħabib m'Alla jgħix tassew, iġarrab kull inkwiet bis-sabar, u jħares 'l quddiem bit-tama ta' hena bla tmiem. Il-fidi Kristjana tinkludi studju intellettwali ta' veritajiet dwar Alla, il-bniedem u l-fidwa. Madankollu l-fidi Kristjana hi ferm aktar minn hekk. Twassal l-bniedem għal relazzjoni personali ta' mħabba m'Alla permezz ta' Kristu. "Din hi l-ħajja eterna, li jagħrfu lilek waħdek veru Alla, u 'l Ġesù Kristu, li inti bgħatt" (Ġwanni 17:3).

L-istudju teoloġiku (*theos*, Alla; *logos*, kelma, għerf) jumilja l-bniedem u jnissel fih sens ta' adorazzjoni. Meta lemaħ is-siġra taqbad, Mosè ħaseb bejnu u bejn ruħu: "Ħa nersaq fil-ġenb u nara din id-dehra tal-għaġeb." Alla malajr waqqfu: "La toqrobx 'il hawn; neħħi s-sandli tiegħek minn riġlejk għax il-post li qiegħed fuqu hu art imqaddsa" (Esodu 3:3, 5). Alla mhux sempliċiment dehra kurjuża. Fejn tidher il-glorja t'Alla hu lok qaddis. Għalhekk ma nistgħux nistudjaw 'l Alla b'attitudni superjuri qisna qed nistudjaw xi fenomenu jew kunċett. Għandna nersqu lejh biss b'reverenza u umiltà. Il-biża' t'Alla hu l-bidu tal-għerf. Tkun teoloġija bla ruħ jekk ma twasslikx biex tistqarr ma' Ġwanni, "Meta rajtu, waqajt f'riġlejh bħal mejjet" (Rivelazzjoni 1:17).

# NISTA' NAGĦRAF 'L ALLA?

Alla huwa inkomprensibbli; ma jistax ikun mifhum. Mhux li ma nistgħux nkunu nafu xejn dwaru, iżda ma nistgħux nifhmuh kompletament u perfettament. Alla hu infinit; il-bniedem daqs naqra. "Kbir il-Mulej, u jistħoqqlu l-akbar tifħir, u l-kobor tiegħu ma jistax jitqies" (Salm 145:3). Ebda bniedem ma jista' qatt jasal biex jifhem il-kobor t'Alla jew jilħaq mad-dehen tiegħu. "Kbir il-Mulej... id-dehen tiegħu m'għandux tarf" (Salm 147:5). "Għerf bħal dan hu tal-għaġeb għalija; għoli wisq, ma nistax inlaħħaq miegħu" (Salm 139:6). Alla mifhum kompletament hu idolu vvintat minn moħħ il-bniedem; Alla merfugħ fl-ogħla smewwiet hu Alla ħaj u veru, li jnissel il-qima u l-adorazzjoni tal-ħlejjaq tiegħu.

Fl-istess waqt irridu ngħidu wkoll li Alla jista' jingħaraf. Għalkemm ma nistgħu qatt nifhmu lill-Infinit kompletament, nistgħu nagħrfu 'l Alla ġenwinament. L-għarfien t'Alla huwa dejjem limitat iżda jista' jkun għerf veru u biżżejjed biex jissodisfa 'l għatx tar-ruħ umana. "Hekk jgħid il-Mulej, ħalli dak li jiftaħar, jiftaħar b'dan: li għandu d-dehen biex jagħrafni, li jien il-Mulej" (Ġeremija 9:23, 24). "O Alla, int Alla tiegħi; mis-sebħ infittxek jien, ruħi għatxana għalik... it-tjieba tiegħek hi aħjar mill ħajja" (Salm 63).

Ma kienx ikun possibbli għalina nagħrfuh kieku Alla ma rrivelax lilu nnifsu. B'ħiltu l-bniedem qatt ma sab 'l Alla veru: "Id-dinja b'għerfha m'għarfitx 'l Alla" (1 Korintin 1:21). Alla wera lilu nnifsu b'mod ġenerali fil-ħolqien, u għalhekk ħadd m'għandu skuża talli m'emminx fih (Rumani 1:19). Barra minn hekk Alla għoġbu wkoll jurina lilu nnifsu b'mod speċjali permezz tal-Kelma miktuba. Fl-Iskrittura Mqaddsa, Alla fetaħ qalbu mal-bniedem. L-għarfien personali t'Alla jista' jseħħ biss permezz ta' Kristu, il-medjatur u l-feddej, li fuqu titkellem l-Iskrittura. Kristu jħabbeb il-bniedem m'Alla billi jneħħi minn nofs id-dnub, il-kawża tal-aljenazzjoni u l-firda, u jgħarrafna lill-Missier. "Ħadd ma jaf lill-Missier, ħlief l-Iben, u dak li l-Iben irid jgħarrafulu" (Mattew 11:27).

## TELQU 'L ALLA

Mill-bidu tal-ħolqien il-bniedem kien jaf 'l Alla, iżda ma mexiex skond dan l-għerf. Irribella u dineb kontrih. Id-dnub kellu effett traġiku fuq ir-relazzjoni mal-Ħallieq. Meta dinbu, Adam u Eva saru konxji mill-għera tagħhom, stħaw u staħbew mill-preżenza t'Alla. Uliedhom għadhom sal-lum jaħarbu minnu. "Kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u lanqas jiġi lejn id-dawl" (Ġwanni 3:20). Għalkemm permezz tal-ħolqien u l-kuxjenza l-bnedmin "għarfu 'l Alla", traġikament "ma gglorifikawhx bħala Alla, u lanqas ma raddew ħajr; iżda saru fiergħa fi ħsibijiethom,

u qalbhom bla dehen iddallmet... biddlu s-sewwa t'Alla f'gidba, u qiemu u qdew il-ħlieqa iżjed mill-Ħallieq" (Rumani 1:18ff.). Matul l-istorja, ir-reliġjon ma evolvitx għall-aħjar, imma ddiġenerat f'kull forma ta' idolatrija. Beda tajjeb il-bniedem, kompla ħażin, u mill-ħażin ikompli jmur għall-agħar.

Il-bniedem jiċħad 'l Alla veru b'diversi filosofiji. Il-*panteiżmu* (kollox hu alla; alla hu kollox) tar-reliġjonijiet orjentali iħallat il-Ħallieq mal-ħolqien bħallikieku huma ħaġa waħda. Alla veru huwa distint mill-ħolqien; kien qablu; hu l-kawża tiegħu, u jiggverna fuqu. Id-*deiżmu* jsostni li wara li ħalaq l-univers, Alla ħallih jiffunzjona waħdu skond il-liġijiet tan-natura u bl-ebda mod ma jindaħal fih. Alla huwa assenti u għalxejn infittxuh! Imma l-Iskrittura tgħallem li Alla għadu jieħu ħsieb il-ħolqien tant li lanqas għasfur ma' jaqa' jekk mhux bir-rieda tiegħu. Il-*politeiżmu* (twemmin f'ħafna allat) jikkontradixxi l-ewwel kmandament: "Ma jkollokx allat oħra quddiemi." L-idea li kull reliġjon hi valida tista' titqies bħala forma ta' politeiżmu. Fl-aħħar nett, l-*ateiżmu* jiċħad l-istess eżistenza t'Alla.

L-Ispirtu t'Alla biss jista' jeħles il-bniedem mill-konfużjoni u d-dlam. L-ewwel nett il-Kristjan jemmen fl-eżistenza t'Alla -- "jemmen li Alla hu" (Lhud 11:6). Jiċħad l-allat taparsi -- "Nafu li l-idolu mhu xejn fid-dinja, u li m'hemmx ħlief Alla wieħed" (1 Korintin 8:4). Jagħraf ukoll li Alla hu

distint mill-ħolqien u jaħkem fuqu: "Alla li għamel id-dinja u l-ħwejjeġ kollha li fiha... hu Sid is-sema u l-art." Fl-istess ħin jaf li Alla "mhux bogħod minn kull wieħed minna" (Atti 17:24, 27) għax jesperjenza il-ħlewwa tal-komunjoni miegħu.

# 2. IL-BIBBJA: IL-KELMA T'ALLA

Weħidna ma naslu qatt biex nagħrfu 'l Alla fis-sewwa. Il-bniedem ivvinta ħafna allat u reliġjonijiet, imma waħdu qatt ma sab 'l Alla veru.

## Rivelazzjoni

Lil Alla nistgħu nagħrfuh biss għax hu għoġbu jgħarrafna lilu nnifsu. Il-kunċett li Alla wera lilu nnifsu lill-bniedem jissejjaħ "Rivelazzjoni." Matul l-istorja, Alla kellem lill-bnedmin permezz tal-profeti u l-appostli. Mosè, Isaija u l-profeti l-oħra tkellmu f'isem Alla: "Hekk jgħid il-Mulej!" L-appostlu Pietru kiteb: "Qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu f'isem Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu" (2 Pietru 1:21). Il-mirakli li wettqu jixhdu li huma tassew l-vuċi t'Alla fuq l-art. Ir-rivelazzjoni t'Alla laħqet il-quċċata tagħha f'Ibnu Ġesù Kristu. Alla "kellimna permezz ta' Ibnu" (Lhud 1:2). Hu l-Kelma t'Alla, ix-xbieha perfetta tiegħu, il-verità! Ir-rivelazzjoni t'Alla ngħatat sħiħa u perfetta, għalhekk il-Kristjani għandhom jissieltu għall-fidi mogħtija lilhom darba għal dejjem (Ġuda 1:3), mingħajr ma jistennew rivelazzjonijiet ġodda.

# ISPIRAZZJONI

Aħna qed ngħixu sekli twal wara l-profeti, Ġesù u l-appostli tiegħu. Kif mela nistgħu nkunu nafu x'qalu tant snin ilu? Alla ħaseb li jniżżel il-Kelma tiegħu bl-iswed fuq l-abjad fil-paġni tal-Iskrittura ("skrittura" tfisser kitba). Għalkemm Mosè u Pawlu t-tnejn mejtin, it-tagħlim tagħhom għadu magħna fil-kitbiet li ħallew warajhom, u għalkemm Ġesù tela' s-sema, nistgħu nitgħallmu x'qal u x'għamel fil-paġni tal-Vanġelu.

Il-Bibbja għandha żewġ awturi. Miktuba mill-bnedmin (Mosè, Isaija, Luqa, Mattew u l-bqija); fl-istess ħin miktuba minn Alla, għax l-Ispirtu s-Santu gwidahom biex jiktbu dak li ried Hu. "L-Iskrittura kollha hi mogħtija bl-ispirazzjoni t'Alla" (2 Timotju 3:16). Il-Bibbja hi n-nifs ("spirazzjoni") t'Alla, il-kelma mitkellma minn fommu. Ladarba l-Bibbja hi l-Kelma ta' Min jaf kollox, għandu jkollna fiduċja sħiħa fit-tagħlim tagħha, u ladarba hi l-Kelma ta' Sidna, aħna obbligati nemmnuha u nobduha mill-qalb.

# ILLUMINAZZJONI

Alla kkomunika mal-bnedmin bil-lingwa umana. Il-Bibbja mhix ktieb misterjuż; lanqas mhi indirizzata lill-għorrief u t-teologi, imma lill-poplu kollu t'Alla. L-epistoli ta' Pawlu, Pietru, Ġakbu u Ġwanni huma miktubin lill-Kristjani

kollha. “Bil-qawwa kollha nitlobkom f’ġieħ il-Mulej li taqraw din l-ittra lill-aħwa kollha,” ordna l-appostlu Pawlu fi tmiem l-ittra tiegħu (1 Tessalonkin 5:27). Xi skop kien ikun hemm li l-ittra tinqara lil kulħadd jekk kienet tqila wisq biex jifhmuha? Alla tkellem fl-Iskrittura biex ikun mifhum. L-Iskrittura “tgħallem lil min ma jafx” (Salm 19:8).

L-Iskrittura tiftiehem imma lanqas mhi faċli. L-appostlu Pietru jwissina li l-ittri ta’ Pawlu u l-bqija tal-Iskrittura “fihom ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom.” Iwissina wkoll li “dawk li ma jifhmux u li m’humiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess” (2 Pietru 3:16). Pietru mhux jiskoraġġina milli nifthu u nistudjaw l-Iskrittura; iwissina biss kontra l-prużunzjoni u t-traskuraġni. L-istess Pietru jħeġġigna nfittxu l-Kelma t’Alla kif tarbija tat-twelid tixxenaq għall-ħalib safi (1 Pietru 1:22, 23).

L-Iskrittura ma tifhimhiex jekk tħalliha fuq l-ixkaffa. Lanqas tiggwadanja minnha jekk taqraha b’attitudni ta’ kburija, bħal donnok tifhem aktar mill-Awtur tagħha, jew bil-ħsieb li tgħawweġ it-tifsira tagħha biex tiġġustifika t-twemmin tiegħek. Tifhimha jekk taqraha u timmedita fuqha b’umiltà, bil-fidi, b’ubbidjenza u bl-intenzjoni li dejjem issebbaħ lill-Mulej Ġesù Kristu. L-Ispirtu s-Santu, l-Awtur tal-Bibbja, jagħtik id-dawl (illuminazzjoni) biex tagħraf Kelmtu. “Imbagħad fetħilhom moħħhom biex

jifhmu l-Iskrittura" (Luqa 24:45; ara wkoll 1 Korintin 2:12, 14).

## KRISTU U L-BIBBJA

Ġesù kellu stima għolja ħafna tal-Iskrittura. Wara l-magħmudija, meta kien mġarrab minn Satana, id-difiża tiegħu kienet: "Hu miktub... terġa' hu miktub... għax hu miktub" (Mattew 3:3; 4:4, 7, 10). Fid-diskors fuq il-muntanja, Ġesù ma biddel xejn mit-tagħlim tat-Testment il-Qadim, biss saffih mit-tifsira żbaljata u ż-żieda tar-rabbin. "La taħsbux li ġejt biex neqred il-liġi, jew il-profeti: jien ma ġejtx biex neqred iżda biex inwettaq. Għax tassew ngħidilkom: sakemm jgħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi, sama jseħħ kollox" (Mattew 5:17, 18). Meta staqsewh fuq id-divorżju, weġibhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara." Meta ried jgħallimhom fuqu nnifsu, ikkwota mis-Salmi u qalilhom: "David, imnebbaħ mill-Ispirtu, isejjaħlu Sidu..." Meta ried jikkoreġi lis-Sadduċej qalilhom; "Kemm sejrin żball għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa t'Alla," u rreferihom għall-ktieb tal-Esodu. Lil-Lhud li akkużawh b'dagħwa għax saħaq li hu Bin Alla, Ġesù weġibhom mill-Iskrittura: "Fil-liġi tagħkom ma hemmx miktub? L-Iskrittura ma tistax titħassar." Biex jgħallem lid-dixxipli t-tifsira tal-mewt tiegħu, "beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull

ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (Mattew 19:4; 22: 41ff; 22:29ff; Ġwanni10:34, 35; Luqa 24:27).

Lil-Lhud ta' żmienu Ġesù qalilhom, "Ma qrajtux dak li qalilkom Alla" (Mattew 22:31) u kkwotalhom silta mill-Iskrittura, preċiżament mill-ktieb tal-Esodu. Għalkemm miktuba mijiet ta' snin qabel, dik l-iskrittura kienet relevanti għalihom u attwali għal żmienhom. Ġesù ma qalilhomx, "Dak li qal Alla lil Mosè" imma "Dak li *qalikom* Alla"! Alla jkellem lil poplu tiegħu fil-preżent permezz tal-Kelma miktuba.

Fl-Iskrittura ma naqrawx l-opinjoni ta' bniedem; imma nisimgħu l-vuċi t'Alla għalina illum. Li tgħid l-Iskrittura u li jgħid Alla huma l-istess ħaġa. Għalhekk awtorità ogħla mill-Iskrittura ma jistax ikun hemm, daqskemm ma jistax ikun hemm awtorità ogħla minn Alla. Il-Mulej Ġesù kien iqis l-Iskrittura bħala l-Kelma żgura, awtentika u awtorevoli t'Alla. Id-dixxipli ta' Kristu għandu jkollhom l-istess attitudni ta' rispett lejn l-Bibbja Mqaddsa biex jitgħallmu minnha u jimxu fid-dawl tagħha; fi kliem ieħor, biex jitgħallmu minn Alla u jgħixu skond ir-rieda tiegħu.

# 3. IL-BIBBJA: SOLA SCRIPTURA

Bil-frażi Latina *Sola Scriptura* (l-Iskrittura Biss) irridu nfissru li l-Bibbja hi *l-unika regola infallibbli għall-Kristjani.* L-Iskrittura hi r-regola, jew il-gwida, li tgħallimna x'għandna nemmnu u kif għandna ngħixu f'relazzjoni sewwa m'Alla. *Infallibbli* (ma tistax tiżbalja) għax l-Iskrittura hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla; il-Kelma ħierġa minn fomm il-Mulej. Ta' min joqgħod fuqha għax l-Awtur tagħha, Alla għaref u fidil, la jiżbalja u lanqas jigdeb. Hi *l-unika* regola għax it-tagħlim tal-Iskrittura hu biżżejjed nagħrfu kif insalvaw u ngħixu ħajja li togħġob 'l Alla. M'hemmx informazzjoni oħra neċessarja għas-salvazzjoni nieqsa mill-Bibbja u li għandna nfittxu band' oħra. "L-Iskrittura Mqaddsa tista' tagħmlek għaref għas-salvazzjoni permezz tal-fidi, li hi fi Kristu Ġesù. L-Iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa' għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq, biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imrawwem għal kull għemil tajjeb" (2 Timotju 3:15-17).

Irridu ngħidu wkoll x'ma rridux infissru b'*Sola Scriptura*, għax din id-duttrina hi sikwit mifhuma u mfissra ħażin. Il-Bibbja ma tinkludix dak kollu li għamel u għallem Ġesù. Fi tmiem l-evanġelju, Ġwanni jammetti li hemm ħafna ħwejjeġ li ma kitibx (Ġwanni 21:25). Madankollu l-kwistjoni mhix jekk għandniex kull informazzjoni fuq

Kristu (wara kollox lanqas it-tradizzjoni ma twasslilna tagħrif sħiħ!), imma jekk dak li hemm miktub hux suffiċjenti biex nagħrfu r-rieda t'Alla. Ġwanni jassigurana li hu biżżejjed avolja ma kitibx kull ħaġa (Ġwanni 20:30, 31). L-Iskrittura Mqaddsa "tista' tagħmlek għaref għas-salvazzjoni." Biex nissodisfa l-għatx m'għandix bżonn l-ilma kollu; biżżejjed għalija tazza jew tnejn. Alla ma għarrafniex kollox, għarrafna biżżejjed biex jissodisfa ruħna.

Lanqas irridu ngħidu li Alla kellem lill-bniedem bil-Kelma miktuba biss. Waqt li kien qed jirrivela l-pjan tas-salvazzjoni, Alla tkellem b'ħafna mezzi bil-profeti u l-appostli, u b'fomm Ibnu stess. Fl-istess waqt l-Ispirtu t'Alla mexxa nies qaddisa biex jiktbu preċiż l-messaġġ li Hu ried jibqa' għall-ġenerazzjonijiet ta' wara. Illum m'hawnx aktar appostli u profeti, u Kristu tela' lura s-sema; jibqagħlna biss il-Kelma miktuba.

*Sola Scriptura* ma tiċħadx l-awtorità tal-knisja li tgħallem ir-rivelazzjoni t'Alla. Il-mexxejja fil-knisja huma l-għotja t'Alla għalina biex jgħinuna nifhmu u napplikaw il-Kelma. Iblah u fqir minn iwarrab l-għotjiet t'Alla u jiżola ruħu mill-bqija tal-knisja preżenti u tal-imgħoddi. Inżidu ngħidu li l-mexxejja għandhom ikunu suġġetti għall-Kelma. Xogħolhom iżżommu safja l-Kelma t'Alla, mhux jivvintaw regoli u duttrini ġodda.

Lanqas niċħdu kull tradizzjoni. Il-knisja ta' Kristu ma tistax tikber u tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra mingħajr it-tradizzjoni. Il-kelma "tradizzjoni" sempliċiment tfisser tagħlim mgħoddi minn persuna għal oħra. Għalhekk l-appostlu jgħid lill-Kristjani, "Ħuti, żommu sħiħ, u żommu t-tagħlim (it-tradizzjonijiet) li tgħallimtu, sew bil-kliem, u kemm bl-ittri tagħna" (2 Tessalonkin 2:15). Il-fidi Kristjana tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra bit-tagħlim ta' nies fidili għall-messaġġ appostoliku (2 Timotju 2:2). Nemmnu fit-tradizzjoni, jiġifieri li l-messaġġ ta' Kristu għandu jkun mxandar bil-fomm u bil-kitba; imma ma nemmnux *f'kull* tradizzjoni, għax mhux kull tagħlim jaqbel jew joriġina fil-Kelma t'Alla.

Fl-aħħar nett, b'*Sola Scriptura* m'aħniex ngħidu li l-Bibbja se tkun mifhuma dejjem tajjeb, u allura awtomatikament se jkun hawn unità sħiħa bejn l-Kristjani. Kristu tkellem ċar u xorta ma fehmuhx. L-Iskrittura hi ċara biżżejjed iżda minħabba l-għażż, l-injoranza, l-preġudizzji u d-dnub tagħna jinbtu fost l-aħwa ħafna ideat żbaljati. It-tort tagħna, mhux tal-Bibbja.

## L-OGĦLA AWTORITÀ

Il-Kristjani jimxu wara r-Ragħaj tagħhom, u wara rgħajja oħra ma jmorrux. Jemmnu li l-Bibbja hi l-Kelma tal-Mulej, u għalhekk iqisuha bħala l-ogħla awtorità għalihom. Imma

għalfejn ninsistu fuq l-Iskrittura *biss*? Jista' jkun li r-rivelazzjoni t'Alla tasal għandna b'mezzi oħra? Le, għax l-Iskrittura tgħallimna li fiż-żmien t'issa m'hemm xejn ħlief l-Iskrittura li tista' titqies bħala *l-Kelma ispirata t'Alla*, waqt li tiċħad it-tradizzjoni u l-maġisteru bħala regoli *infallibbli* tal-fidi.

Nibdew bit-tradizzjoni. Alla kellem lil poplu tiegħu Iżrael b'Mosè u l-profeti. Il-ġenerazzjonijiet ta' wara kellhom il-Liġi u l-profeti fl-Iskrittura; ma kienx hemm xi tagħlim divin ieħor li kellu jgħaddi bit-tradizzjoni. Dan nafuh minn Kristu, li ċanfar bis-sħiħ lil-Lhud għax żiedu t-tagħlim tat-tradizzjoni mal-Kelma miktuba (Mark 7:1-13). Alla ma jilqax ir-reliġjon msejjsa fuq t-tagħlim tal-Bibbja u t-tradizzjoni, għax tal-aħħar iġġib fix-xejn il-Kelma t'Alla. L-iżball tal-Lhud qed jiġi ripetut fil-knisja Kattolika, li tagħti l-istess valur lit-tradizzjoni daqs l-Iskrittura. B'hekk tiġġustifika l-qima tal-istatwi, sawm u festi obbligatorji, iċ-ċelibat, it-tkomplija tas-sagrifiċċju ta' Kristu, il-qrar ma' saċerdot, id-dommi tal-Immakulata u l-Assunzjoni, il-penitenzi bi tpattija għad-dnub, il-purgatorju, il-primat tal-isqof ta' Ruma, u l-bqija -- li mhux biss huma neqsin mill-Bibbja, imma sikwit jikkontradixxuha.

Xi ngħidu għall-maġisteru (l-għalliema)? Huma infallibbli? L-isqfijiet, li xogħolhom huwa li jgħallmu l-Kelma t'Alla, jistgħu jiżbaljaw. "Ħuti, la tkunux ħafna għalliema, meta tafu li aħna jkollna kundanna akbar. Għax f'ħafna ħwejjeġ

noqsu lkoll" (Ġakbu 3:1, 2). Il-Bibbja twissi d-dixxipli ordinarji biex inġarrbu kollox u nżommu sħiħ dak li hu tajjeb (1 Tessalonkin 5:21). Nagħmlu sew nimxu fuq il-passi tad-dixxipli f'Berea. Huma mhux biss laqgħu l-kelma mxandra lilhom, imma fittxew kuljum l-Iskrittura biex jikkonfermaw dak li semgħu (Atti 17:11). It-tagħlim tal-knisja huwa awtorevoli sakemm jaqbel mal-Kelma t'Alla, u għalhekk l-awtorità tal-maġisteru taqa' taħt l-awtorità tal-Iskrittura. Il-Kristjani m'għandhomx jissottomettu ruħhom b'għajnejhom magħluqa għal xi mexxej jew grupp ta' mexxejja li jesiġu awtorità assoluta. Il-Kristjani fi dmir iqisu kull tagħlim u kull għalliem, kif qalilna Kristu. L-għalliem jingħaraf minn tagħlimu bħalma siġra tingħaraf mill-frott tagħha. Jekk wieħed jgħid li hu ministru ta' Kristu, filwaqt li tagħlimu jikkontradixxi jew iżid mal-Iskrittura, huwa giddieb u qarrieq (Dewteronomju 13:1-4; Isaija 8:20; Proverbji 30:5, 6).

Fil-qosor, il-Bibbja hi l-Kelma t'Alla, ir-regola infallibbli u l-ogħla awtorità. Kristu kien iqis l-Iskrittura l-Kelma infallibbli u awtorevoli t'Alla. Ċaħad it-tradizzjoni bħala għajn oħra ta' rivelazzjoni; hu wera wkoll li l-għalliema reliġjużi jistgħu jiżbaljaw. Id-dixxipli tiegħu għandu jkollhom l-istess attitudni. Nemmnu fis-suffiċjenza tal-Bibbja għax il-messaġġ tagħha jgħallimna min hu Alla, min aħna, jikxef id-dnub u jwassalna għas-salvazzjoni bil-fidi fi Kristu. Il-liġijiet tagħha jdawwluna t-triq; il-wegħdiet

tagħha jinkoraġġuna biex nibqgħu sejrin minkejja kollox sakemm niltaqgħu ma’ Sidna.

# 4. ALLA: ISMIJIET U ATTRIBUTI

Alla wera lilu nnifsu fl-Iskrittura bl-ismijiet u l-attributi tiegħu.

## L-ISMIJIET DIVINI

L-ismijiet u t-titli li bihom Alla sejjaħ lilu nnifsu juru diversi aspetti tal-karattru tiegħu.

Fit-Testment il-Qadim Alla jissejjaħ *El* jew *Elohim* (tradotta *Alla*) għal madwar 2500 darba. It-titlu *Alla* juri l-qawwa tiegħu. Elohim hi l-plural ta' El; madankollu Elohim jieħu verbi fis-singular għax Alla hu wieħed. Il-qawwa t'Alla tidher fil-ħidma tiegħu fil-ħolqien ta' kollox (Ġenesi 1:1); fil-ħakma tiegħu fuq id-dinja kollha (Isaija 54:5); fl-għemejjel kbar ma' Iżrael (Dewteronomju 8:14; Salm 68:7) u fil-ġudizzju (Salm 50:6). El tingħaqad ma' titli oħra. *El-Shaddai* jjssemma l-aktar fi żmien il-patrijarki (Ġenesi 17:1) u jfisser "Alla li jista' kollox." *El-Elyon* tfisser "Alla l-ogħla" (Ġenesi 14:19).

*Adonai* tfisser ħakem, sid, mulej (Ġenesi 19:2; 40:1; 1 Samwel 1:15). It-titlu *Mulej* jesprimi il-possessjoni u l-awtorità t'Alla fuq il-bniedem.

L-isem *Jaħwe* (*YHWH*, tradott *il-Mulej*) jintuża aktar minn 5,000 darba fit-Testment il-Qadim. Kien magħruf sa mill-

bidu (Ġenesi 4:10), iżda t-tifsira tiegħu kienet mgħarrfa partikolarment lil Mosè (Esodu 3:14; 6:3). L-isem ifisser "Jien hu"; juri li Alla eternament jeżisti fih innifsu. Jaħwe kien l-isem li Alla għarraf lilu nnifsu lill-poplu tiegħu Iżrael. Wara l-eżilju l-Lhud ma baqgħux jippronunzjaw l-isem. Għalkemm l-vokali oriġinali ma nafuhomx, wisq probabbli kien jinstema' *Jaħwe*. Jaħwe jingħaqad ma' titli oħra: Jahwe-Elohim, il-Mulej Alla (Ġenesi 2:7); il-Mulej jipprovdi (Ġenesi 22:14); il-Mulej ifejjaq (Esodu 15:26); il-Mulej iqaddes (Levitiku 20:8); il-Mulej tas-sliem (Imħallfin 6:24) u il-Mulej tal-eżerċti (Isaija 1:24).

Fit-Testment il-Ġdid, l-aktar żewġ titli komuni huma *Alla*, (bil-Grieg, *Theos*, l-ekwivalenti ta' *Elohim* bl-Ebrajk), tintuża speċjalment għall-Missier; u *Mulej* (bil-Grieg, *Kurios*, l-ekwivalenti ta' *Adonaj* u *Jaħwe* bl-Ebrajk), tintuża speċjalment għall-Iben. L-isem *Jaħwe* huwa trodott *Mulej*, skond l-eżempju tal-kittieba tat-Testment il-Ġdid. Ngħidu aħna, il-profeta Ġoel kiteb, "U jiġri, li kull min isemmi isem il-Mulej (*Jahwe*) ikun meħlus" (Ġoel 2:32); l-appostlu Pawlu kkwota dan il-vers u applikah għal Ġesù. "Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej (*Kurios*) ikun salvat" (Rumani 10:13).

Li tagħraf l-isem t'Alla ifisser li tagħraf 'l Alla kif wera lilu nnifsu (u mhux sempliċiment il-pronunzja tal-kelma). Meta tfaħħar ismu tkun tfaħħar 'l Alla; meta tiddiżonora ismu tkun tiddiżonara lilu. Mhux ta' b'xejn jikkmandana:

“La ssemmix isem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal; għax il-Mulej ma jħallix bla kastig li min isemmi ismu fil-batal” (Esodu 20:7). Għall-kuntrarju, il-maħbubin t’Alla ifittxu it-tifħir u l-glorja tiegħu, kif għallimna nitobu Kristu, “Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek.”

## L-ATTRIBUTI DIVINI

L-attributi divini huma l-kwalitajiet u l-karatteristiċi li jiddeskrivu ‘l Alla.

Alla huwa *personali*; mhux sempliċement xi forza jew qawwa impersonali kif jimmaginawh il-panteisti tal-Orjent. Alla jaħseb, jagħżel skond ir-rieda tiegħu, iħobb u jobgħod. Ikellimna u nitkellmu miegħu, u għandu relazzjoni personali mal-bnedmin. Isejjaħ lilu nnifsu “Jien” (Esodu 3:14) u aħna nindirizzawh b’titli familjari bħal “Missierna.”

Alla hu *spirtu* (Ġwanni 4:24), u għalhekk ma jidhirx (Lhud11:27) u m’għandux ġisem materjali bħal tagħna (Luqa 24:39). L-Iskrittura titkellem dwar “l-għajnejn” u “d-dirgħajn” Alla bħala tixbiħa.

Alla hu *indipendenti*; jeżisti minnu nnifsu u m’għandu bżonn ta’ ħadd u ta’ xejn. Il-Missier għandu l-ħajja fih innifsu (Ġwanni 5:26). “Lanqas hu moqdi minn idejn il-

bnedmin, bħallikieku jeħtieġ xi ħaġa, ladarba hu jagħti lil kulħadd il-ħajja, u n-nifs, u kollox" (Atti 17:25).

Alla ma jinbidilx (*immutabbli*); għal dejjem l-istess fil-perfezzjonijiet kollha tiegħu. Għerfu la jista' jiżdied u lanqas jonqos, peress li Alla jaf kollox; il-qawwa tiegħu infinita, la jgħejja u lanqas jista' jsir aktar qawwi milli hu. "Jien, il-Mulej, ma nitbiddilx" (Malakija 3:6).

Alla hu *etern* u mhux limitat biż-żmien (li hu parti mill-ħolqien). Alla m'għandux bidu jew tmiem. "Qabel ma twieldu l-muntanji, jew qabel int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla" (Salm 90:2).

Alla hu *omnipreżenti*; jinsab kullimkien. "Fejn immur bogħod mill-Ispirtu tiegħek? Jew fejn naħrab minn quddiem wiċċek? Jekk nitla' fis-sema, inti qiegħed hemm; jekk nagħmel soddti fis-saltna tal-imwiet, ara, inti qiegħed hemm" (Salm 139:7, 8).

Alla hu *omnixjenti*; jaf kollox. La jitgħallem u lanqas jinsa xejn. Jaf perfettament lilu nnifsu u l-ħolqien tiegħu. "Magħrufin 'l Alla huma l-għemejjel kollha tiegħu mill-bidu tad-dinja" (Atti 15:18). Alla jafna perfettament: "O Mulej, int għarbiltni, u għaraftni. Taf meta noqgħod bilqiegħda, u taf meta nqum; taf ħsibijieti mill-bogħod. Inti tagħraf il-mixi tiegħi, u l-waqfien tiegħi; inti taf tajjeb triqati kollha" (Salm 139:1-3).

Alla hu *twajjeb*. "Għax int, Sidi, twajjeb u lest biex taħfer; u kollok tjieba għal dawk li jsejħulek" (Salm 86:5). "Alla hu mħabba" (1 Ġwanni 4:8). Juri mħabbtu billi jeħles lill-midneb mill-kundanna xierqa tiegħu (ħniena) u jagħtih minflok il-barkiet li ma jistħoqqlux (grazzja).

Alla hu *qaddis*; distint mill-ħlejjaq kollha u eżaltat fuqhom b'majestà infinita. "Qaddis, qaddis, qaddis, hu l-Mulej tal-eżerċti! L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu" (Isaija 6:3). Alla huwa moralment perfett. "Alla hu dawl, u fih m'hemmx dlam" (1 Ġwanni 1:5).

Alla hu *ġust* u rett u jagħmel kollox sew. "Il-Mulej tal-ħaqq fi triqatu kollha" (Salm 145:17). Il-Liġi tiegħu hi l-espressjoni tal-ġustizzja tiegħu. "Il-liġi hi qaddisa, u l-kmandament qaddis, ġust, u tajjeb" (Rumani 7:12).

Alla hu *fidil*. "Mhux bniedem Alla biex jigdeb, jew bin il-bniedem biex jindem (jibdel fehmtu). Jaqaw jgħid u ma jagħmilx? Jew iwiegħed u ma jżommx kelmtu?" (Numri 23:19). Uliedu jserrħu moħħhom li Alla jwettaq il-wiegħdi tiegħu u jwassalhom għall-glorja: "Iwettaqkom ukoll sal-aħħar, biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù Kristu. Fidil hu Alla, li minnu kontu msejħin fix-xirka t'Ibnu Ġesù Kristu Sidna" (1 Korintin 1:8, 9).

Alla hu *sovran*; għandu ħakma assoluta fuq il-ħolqien kollu. Iwettaq kulma jixtieq u ħadd ma jista' jġib fix-xejn

ir-rieda tiegħu. “Alla jagħmel il-ħwejjeġ kollha skond il-fehma tar-rieda tiegħu stess” (Efesin 1:11). “Is-setgħa tiegħu hi setgħa għal dejjem, u s-saltna tiegħu minn nisel għal nisel; u dawk li jgħammru fuq l-art qishom xejn, u jagħmel kif jogħġbu mal-eżerċtu tas-sema, u fost dawk li jgħammru fuq l-art, u m'hemm ħadd li jista' jżommlu idu, jew jgħidlu: X'inti tagħmel?” (Danjel 4:34, 35).

Alla hu *omnipotenti*; jista' kollox u kapaċi jagħmel kulma jrid. “Jien naf li int tista' tagħmel kollox, u l-ebda ħsieb tiegħek ma jista' jkun miżmum” (Ġob 42:2). Fih insibu sigurtà assoluta. “Min jgħix fil-kenn tal-Ogħli, jgħammar għad-dell ta' Dal li jista' kollox” (Salmi 91:1).

Dan hu Alla ħaj u veru! Għax midneb, il-bniedem ma jġerrħux u għalhekk ivvinta “allat” iżgħar skond l-immaġinazzjoni tiegħu. Mhux ta' b'xejn l-ewwel kmandamnent iwissina: “Ma jkollokx allat oħra quddiemi.” Jalla l-Mulej jagħtina l-grazzja nagħrfuh kif tassew hu fil-glorja u l-qawwa tiegħu. It-tweġiba xierqa tagħna għandha tkun il-biża' t'Alla, l-imħabba, l-adorazzjoni, l-ubbiddjenza u l-fiduċja sħiħa fih.

# 5. ALLA: IT-TRINITÀ

Il-kelma *Trinità* (ġejja minn żewg kelmiet Latini, *tres*, tlieta; u *unitas*, wieħed) tintuża biex nesprimu veritajiet dwar Alla mgħallma ċar fil-Bibbja. Il-veritajiet ewlenin li jifformaw din id-duttrina huma dawn: Hemm Alla wieħed; Il-Missier hu Alla, l-Iben hu Alla u l-Ispirtu s-Santu hu Alla; Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma persuni distinti minn xulxin.

## ALLA WIEĦED

L-ewwel nett, nemmnu li hemm Alla wieħed. It-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid jgħallmu ċar l-unità t'Alla, kif juru dawn ir-referenzi: "Isma', o Iżrael: Il-Mulej, Alla tagħna, hu Mulej wieħed!" (Dewteronomju 6:4). "Hekk jgħid il-Mulej, is-Sultan ta' Iżrael, u l-feddej tiegħek, il-Mulej tal-eżerċti: Jien l-ewwel, u jien l-aħħar; u m'hemmx Alla ieħor għajri" (Isaija 44:6). "Hemm Alla wieħed; u m'hemmx ieħor għajru" (Mark 12:32).

Il-pagani jemmnu f'ħafna allat. Saħansitra Satana jitqies bħala "alla ta' din id-dinja." Iżda l-Kristjani ma jagħrfux 'l allat pagani għax jieħdu bis-serjetà l-ewwel kmandament: "Ma jkollokx allat oħra quddiemi" (Esodu 20:3). Il-Kristjani jirrifjutaw il-politeiżmu (twemmin f'ħafna allat) għax "l-allat kollha tal-ġnus huma idoli" - allat foloz (Salm

96:5). L-appostlu Pawlu jikteb: "Għalkemm hemm sew fis-sema u kemm fl-art dawk li jgħidulhom allat; (u hemm ħafna allat u ħafna sidien) imma għalina hemm Alla wieħed (1 Korintin 8:5, 6).

## IL-MISSIER, L-IBEN U L-ISPIRTU S-SANTU

Alla sikwit jissejjaħ Missier. "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu" (Efesin 1:3). Alla mhux Missier minħabba wliedu maħluqin (l-anġli) jew uliedu adottivi (il-mifdija); iżda hu Missier minħabba l-Iben uniku tiegħu. Alla hu Missier etern, minn qabel ma kienet id-dinja, għaliex kien minn dejjem ma' Ibnu. Il-Mulej Ġesù talbu: "U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek bil-glorja li (l-Iben) kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja" (Ġwanni 17:5). Ladarba ma jistax ikun Missier mingħajr Iben, min jiċħad li l-Iben hu etern ikun qed jiċħad lill-Missier ukoll.

Il-Bibbja tgħallem ċar li l-Iben hu Alla daqs il-Missier. Kull Kristjan iħares lejn Kristu u jistqarr mal-appostlu Tumas: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (Ġwanni 20:28). Fi studju ieħor naraw kif l-Iskrittura tafferma li Kristu hu Alla peress li ssejjaħlu bl-ismijiet divini, tattribwilu l-kwalitajiet divini u tgħallem li Kristu jwettaq xogħlijiet li Alla biss jista' jagħmel. Il-qima u l-fiduċja tad-dixxipli fih jikkonfermaw id-Divinità tiegħu.

Fi studju ieħor naraw ukoll kif l-Iskrittura tafferma li l-Ispirtu s-Santu huwa persuna Divina għax tagħtih l-ismijiet, l-attributi u l-għemejjel t'Alla. Barra minn hekk l-Iskrittura turi li huwa persuna għax l-Ispirtu għandu l-kwalitajiet personali: jitkellem, jitnikket, iħobb, jagħżel, jibgħat u jgħallem.

## PERSUNI DISTINTI

L-Iskrittura ma tgħallimx li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu huma persuna waħda. Il-Missier mhux l-Iben u mhux l-Ispirtu s-Santu. It-tlett Persuni huma distinti minn xulxin. Alla l-Missier bagħat lil Ibnu; l-Iben ġie biex jagħmel ir-rieda ta' Missieru. Ċertament mela mhumiex l-istess persuna. Hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu mhux il-Missier u lanqas l-Iben. Ġesù qal: "L-Avukat, li hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, hu jgħallimkom kollox u jfakkarkom kulma għidtilkom" (Ġwanni 14:26). Innota t-tlett persuni tat-Trinità: il-Missier jibgħat l-Ispirtu s-Santu, u l-Ispirtu s-Santu jgħallimna dwar l-Iben. Ġesù qal ukoll: "Jien nitlob 'il Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem" (Ġwanni 14:16). Id-distinzjoni bejn it-tlett persuni tidher ċar.

## DEFINIZZJONI

Għalkemm il-veritajiet dwar Alla li jifformaw id-duttrina tat-Trinità mhumiex diffiċli biex tifhimhom waħda waħda,

huwa diffiċli ferm tifhem kif tlett Persuni huma Alla wieħed. Matul l-ewwel sekli l-knisja tħabtet biex tagħti definizzjoni korretta tar-relazzjoni bejn it-tlett Persuni filwaqt li żżomm sħiħ l-unità t'Alla fl-isfond ta' ideat eretiċi li qamu fl-ewwel sekli. Fil-kredu Atanasjan naqraw: "Issa l-fidi Kattolika hi din: inqimu Alla wieħed fi trinità, u trinità f'unità; bla ma nħawwdu l-Persuni, jew nisseparaw is-sustanza. Għax il-Persuna tal-Missier waħda, tal-Iben oħra, u tal-Ispirtu s-Santu oħra. Iżda tal-Missier, tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu hemm divinità waħda, glorja ugwali u majestà ko-eterna."

M'hemm ebda analoġija jew tixbiħa korretta tat-Trinità. "Lil min ixxebbħuh 'l Alla? jew liema xbieha tqabblu miegħu?" (Isaija 40:18). Kull analoġija jew xbieha t'Alla tagħti stampa distorta tiegħu. Il-Kristjani ma jemmnux fit-Trinità għax kapaċi jispjegaw 'l Alla imma għax konvinti li l-Bibbja tgħallem sew l-unità kif ukoll id-divinità u d-distinzjoni tat-tlett Persuni.

## IT-TRINITÀ U S-SALVAZZJONI

L-għarfien ta' Alla Trinità huwa marbut fil-qrib mal-esperjenza tas-salvazzjoni. Il-Kristjani jemmnu li huma "maħturin skond l-għarfa minn qabel t'Alla l-Missier, bit-taqdis tal-Ispirtu, biex jisimgħu minn Ġesù Kristu u jitraxxu b'demmu" (1 Pietru 1:2). Għalhekk jitgħammdu "fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu"

(Mattew 28:19). Ma jitgħammdux fi tlett ismijiet, iżda fl-isem wieħed t'Alla. Fl-istess waqt jagħrfu li dan Alla wieħed huwa l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Iqimu Alla wieħed, u mingħand it-tlett Persuni jistennew kull barka spiritwali: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka tal-Ispirtu s-Santu" (2 Korintin 13:14).

Min jiċħad id-divinità ta' Kristu ma jistax isejjaħlu Mulej u Salvatur, għax hemm Mulej wieħed, Alla l-Imbierek, u hemm Salvatur wieħed, "Jien, iva jien, jien il-Mulej; u għajri m'hemmx salvatur" (Isaija 43:11). Min jiċħad id-divinità ta' Kristu ma jafx 'l Alla għax il-glorja t'Alla tingħaraf biss f'wiċċ Kristu. "Kieku kontu tafu lili," iwissi l-Mulej Ġesù, "tafu wkoll lil Missier" (Ġwanni 8:19). Mhux għaġeb li l-istess eretiku ma jagħrafx l-Ispirtu s-Santu. Il-Mulej Ġesù qal dwar l-Ispirtu: "Id-dinja ma tistax tilqgħu, għax la tarah, u lanqas tafu." Iżda lid-dixxipli qalilhom: "iżda intom tafuh" (Ġwanni 14:17).

Ma rridx ngħid li kull min għandu għarfien intellettwali tad-duttrina tat-Trinità hu tassew Kristjan. Mill-banda l-oħra, Kristjan ġenwin jingħaraf mill-qima u l-imħabba lejn Alla l-Missier, il-fiduċja fil-Mulej Ġesù Kristu, u l-qdusija li jaħdem fih l-Ispirtu s-Santu.

# 6. ALLA: IL-PJAN U L-PROVIDENZA

Mill-eternità Alla kellu għan speċifiku u għalhekk ippjana, iddetermina u ffissa kulma kellu jseħħ. Fit-teologija dan il-pjan jissejjaħ "id-digriet" jew "id-digrieti" t'Alla. L-Iskrittura tirreferi għall-għan ta' dak li jagħmel il-ħwejjeġ kollha skond il-fehma tar-rieda tiegħu stess (Efesin 1:11). Kulma qiegħed iseħħ huwa t-twettiq tal-pjan t'Alla.

## IL-PJAN T'ALLA

Il-pjan t'Alla hu fiss u etern u ma jiddependix fuq l-għażliet tal-bniedem matul iż-żmien. L-Iskrittura ssejjaħlu "il-pjan etern" (Efesin 3:11) u għalhekk ma jistax jinbidel; altrimenti ma jkunx etern. L-Isktrittura tinsisti li l-fehma t'Alla ma tinbidilx: "Il-fehma tal-Mulej tibqa' għal dejjem, u l-ħsibijiet ta' qalbu minn żmien għal żmien" (Salmi 33:11; Ġob 23:13).

L-istorja tal-bniedem hi l-istorja li Alla kiteb fl-eternità. Alla "qassam iż-żminijet tal-bnedmin imwaqqtin minn qabel, u t-truf tal-art fejn jgħammru" (Atti 17:26). David jistqarr: "Fil-ktieb tiegħek kienu kollha miktuba l-jiem iddestinati għalija, meta ebda wieħed ma kien għad hemm" (Salm 139:16). Ir-ribelljoni tal-ħlejjaq, inkluż l-

agħar tixwix, iseħħ "għax dak li hu maqtugħ għandu jsir" (Danjel 11:36). Il-mewt ta' Kristu seħħet skond "il-fehma li ma titbiddilx u l-għerf minn qabel t'Alla" u saħansitra l-azzjonijiet ta' dawk li kkundannawh u sallbuh kienu "kulma idejk u l-fehma tiegħek qatgħu minn qabel li għanu jsir" (Atti 2:23; 4:28). Il-mifdija jisqarru li Alla "għażilna fi Kristu qabel il-ħolqien tad-dinja." Saħansitra l-opri tajba tagħna "Alla ħejja minn qabel biex nimxu fihom" (Efesin 1:4; 2:10). Dawk li ma jemmnux "għal dan ukoll huma kienu iddestinati." Il-mitlufa huma "imħejjijin għall-qerda" għax "il-Mulej għamel kollox għalih; iva, imqar il-ħażin għal jum il-qilla." Hekk ukoll il-mifdija "hu ħejja minn qabel għall-glorja" (1 Pietru 2:8; Rumani 9:22; Proverbji 16:4; Rumani 9:23).

# IL-PROVIDENZA

Alla jwettaq il-pjan tiegħu fix-xogħol tal-ħolqien u fix-xogħol msejjaħ "il-providenza." Ix-xogħol tal-ħolqien huwa mitmum. Fil-providenza Alla kien, għadu u jibqa' jaħdem fl-univers. "Fis-seba' jum Alla temm xogħlu li kien għamel." Dan l-istess Alla, jgħarrafna l-Mulej Ġesù, "għadu jaħdem s'issa" (Ġenesi 2:1, 2; Ġwanni 5:6, 17). Il-providenza hi x-xogħol t'Alla li bih jippriżerva l-ħolqien kollu; huwa attiv f'kull ma jseħħ fl-univers, u jidderieġi l-ħwejjeġ kollha sal-għan determinat għalihom. Għalkemm idejn l-Imgħallem ma jidhrux, hu għandu kontroll assolut

fuq kollox. "Minnu, u bih, u għalih, huma l-ħwejjeġ kollha: lilu l-glorja għal dejjem. Amen" (Rumani 11:36).

Alla jippriżeva l-ħolqien. L-univers għandu eżistenza reali u distinta minn Alla, iżda ma jeżistix minnu nnifsu; l-univers jiddependi kompletament u kontinwament fuq Alla. Hu jżomm u jħares kollox bil-qawwa tiegħu. "Għax aħna fih ngħixu, u nitħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna." Bil-Mulej "il-ħwejjeġ kollha huma miżmumin flimkien." Il-Mulej "iżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu" (Atti 17:28; Kolossin 1:17; Lhud 1:3).

Alla hu attiv f'kull ma jseħħ fl-univers u għandu kontroll sħiħ ta' kollox. Għandu kontroll fuq id-dinja fiżika (Ġob 37:6-13); il-bhejjem (Salmi 104:21-27); l-avvenimenti ġenerali tal-bniedem (Isaija 10:12-15); iċ-ċirkostanzi tal-individwu (Proverbji 16:9; 1 Samwel 2:6-8). Saħansitra għandu kontroll fuq ħwejjeġ aċċidentali. "Ix-xorti tintefa fil-ħoġor; iżda min jaqta' kollox hu l-Mulej" (Proverbji 16:33). Alla jikkontolla wkoll l-azzjonijiet ħielsa tal-bniedem (Esodu 12:36; Salmi 33:14, 15; Proverbji 21:1; 19:21); sew l-azzjonijiet tajba (Filippin 2:13; 4:13; 2 Korintin 12:9, 10; Efesin 2:10; Salmi 119:36; Galatin 5:22-25), kif ukoll l-azzjonijiet midinba (Salmi 76:10; Atti 4:27, 28, 2 Samwel 16:10, Għamos 3:6).

Tinbet mistoqsija diffiċli. X'għandu x'jaqsam Alla ġust u qaddis mal-ħażen? X'relazzjoni hemm bejn il-providenza

u d-dnub? Il-bniedem hu esseru morali u jieħu deċiżjonijiet skond ir-rieda tiegħu. L-azzjonijiet tal-bniedem huma verament tal-bniedem u għalhekk huwa wkoll responsabbli quddiem Alla tat-tajjeb u tal-ħażen tiegħu. Madankollu Alla hu involut fl-istess deċiżjonijiet u azzjonijiet umani.

Ngħidu aħna, l-aħwa ta' Ġużeppi kienu ħatja ta' għira u mibgħeda; bir-raġun twerwru meta għarfu lil ħuhom fl-Eġittu. Madankollu Ġużeppi weġibhom: "*Ħsibtu intom* biex tagħmluli d-deni; iżda *Alla riedu* għall-ġid, kif dal-jum taraw, li nżomm ħajja ħafna nies" (Ġenesi 50:20). Ġużeppi kien kapaċi jara l-id moħbija tal-providenza. "*Intom bagħtuni* biex inkun meħud l-Eġittu," qalilhom, imma żied jgħid, "*Alla bagħatni* qabilkom biex inħares ħajjitkom" (Ġenesi 45:4, 5; Salmi 105:17). L-aħwa kienu kolpevoli; Alla mhux talli hu bla ħtija, anzi dawwar il-ħażen tagħhom għall-ġid.

Il-ħażen huwa inkluż fl-għan etern t'Alla u jseħħ bil-providenza tiegħu, u mal-ħwejjeġ l-oħra kollha, jwassal għall-glorja tiegħu. Alla qatt ma jwettaq il-ħażen direttament, qatt mhu ħati ta' xi ħażen, anzi jikkundannah. Alla jippermetti atti ħżiena permezz tal-għażliet volontarji tal-ħlejjaq morali. Min jidneb hu ħati u kundannabbli; mhux skużat għax Alla ddeterminah minn qabel jew ippermettih.

Alla jidderieġi l-ħwejjeġ kollha sal-għan determinat għalihom. Din il-verità glorjuża sserraħ moħħ ulied Alla għax tiżgurana li t-tmun ta' ħajjitna, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, hi f'idejn Missierna; ħadd u xejn ma jista' jġib fix-xejn l-għan tajjeb tiegħu għalina. "Aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta' dawk li jħobbu 'l Alla; għal dawk li huma msejħin skond il-pjan tiegħu. Għax dawk li kien jaf minn qabel, ukoll iddestinahom minn qabel biex ikun jaqblu max-xbieha ta' Ibnu…Jekk Alla magħna min jista' jkun kontra tagħna?" (ara Rumani 8:28-39).

# 7. IL-BNIEDEM: MAĦLUQ

Alla ħalaq kollox għall-manifestazzjoni tal-glorja tiegħu. “Int jisħoqqlok, o Mulej, li tilqa’ glorja u ġieħ u setgħa: għax int ħlaqt kollox, u bir-rieda tiegħu saru u nħolqu” (Rivelazzjoni 4:11). Il-fidi Kristjana tafferma l-ewwel nett *l-eżistenza* f’Alla: “Min jiġi għand Alla jaħtieġ jemmen li Alla hu” (Lhud 11:6). Nemmnu f’Alla *etern*. “Qabel ma int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla” (Salm 90:2). Alla għamel kollox *ex nihilo*, mix-xejn: “Bil-fidi nifhmu li d-dinjiet saru bil-kelma t’Alla; għalhekk il-ħwejjeġ li jidhru ma sarux minn ħwejjeġ li jidhru” (Lhud 11:3). Alla ħalaq kollox matul *sitt ijiem*: “F’sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba’ jum” (Esodu 20:11); u għalkemm issa naraw diżordni, tbatija u mewt, nemmnu li l-ħolqien kien oriġinarjament *perfett*: “Alla ra kulma għamel, u, ara, kien tajjeb wisq” (Ġenesi 1:31).

It-tagħlim tal-Bibbja fuq il-ħolqien jikkontradixxi l-filosofiji foloz li bihom ix-xitan iqarraq bid-dinja. Ikkonsidra biss l-ewwel vers tal-ktieb tal-Ġenesi: “Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art.” Din is-sentenza tiċħad l-ateiżmu (m’hemmx Alla), għax l-univers kien maħluq minn Alla; tiċħad il-panteiżmu (in-natura hi divina), għax Alla hu distint mill-ħolqien; tiċħad il-politeiżmu (ħafna allat), għax Alla wieħed ħalaq kollox; tiċħad il-

materjaliżmu (ir-realtà tikkonsisti biss minn ħwejjeġ u qawwiet materjali), għax Alla kien qabel il-ħolqien; u tiċħad l-umaniżmu (il-bniedem hu sovran u d-destin uman jiddependi fuqu nnifsu), għax Alla, mhux il-bniedem, huwa l-ogħla realtà.

It-teorija tal-evoluzzjoni, l-ispjegazzjoni alternattiva tal-eżistenza, hi msejjsa fuq filosofija materjalista (ir-realtà tikkonsisti biss minn ħwejjeġ u qawwiet fiżiċi); għaldaqstant l-evoluzzjonist lanqas biss jista' jikkonsidra *l-possibilità* li hemm Hallieq sopranaturali. Minħabba l-preġudizzju filosofiku, m'għandux għażla għajr li jagħti spjegazzjoni tal-ħolqien u l-ħajja skond il-qawwiet fiżiċi minkejja kull evidenza kuntrarja. Il-problemi tal-evoluzzjoni huma ġganteski. L-univers kellu bidu; għalhekk kien hemm żmien meta ma kienx. Kif jista' x-xejn isir xi ħaġa? Lanqas nistgħu ngħidu li huwa etern għax l-univers qed "jinħela" (l-enerġija qed issir aktar diżorganizzata – kieku ilu mill-eternità m'għandux jeżisti f'forma organizzata). Barra min hekk, il-ħajja turi sinjali ċari ta' disinn intelliġenti. Kif jistgħu forzi għomja joħolqu l-mekkaniżmu komplikat tal-pjanti u l-annimali, u speċjalment tal-ġisem u l-moħħ uman?

L-evolouzzjoni hi l-pedament tas-socjetà sekulari moderna li warrbet lil Alla fil-genb. Postu ħadu l-bniedem. Il-bniedem modern jirraġuna hekk: "Ladarba kollox seħħ b'mezzi naturali u mhux mill-Hallieq, jien m'għandi

responsabbiltà u obbligu lejn ħadd.” Jekk m’hemmx Ħallieq, lanqas hemm Sid. Il-bniedem isir awtonomu, is-sid tiegħu nnifsu. “Dak li hu tajjeb għalija u li jogħġob lili” jieħu post li jrid Alla fil-Liġi tiegħu. Il-mentalità evoluzzjonarja tbaxxi d-dinjità umana għax il-bniedem jitqies bħall-annimali l-oħra. Forsi żviluppat aktar, iva, imma essenzjalment annimal. L-evoluzzjoni teqred is-sinifikat u t-tama tal-eżistenza umana. L-aktar li tista’ toffri hu zvilupp soċjali għall-ġenerazzjonijiet futuri. Imma għall-individwu ma toffri xejn, ħlief ir-ritorn lejn it-trab għar-riċiklaġġ! Għall-Kristjani, il-ħajja umana għandha dinjità u valur dejjiem: il-bniedem kien maħluq fuq xbieha t’Alla biex jagħraf, iħobb u jgawdi lill-Ħallieq tiegħu għal dejjem.

## XBIEHA T’ALLA

Il-bniedem huwa l-ħolqien speċjali t’Alla għax kien maħluq fuq xbieha tiegħu. “Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna; u ħa jkollhom ħakma fuq il-ħut tal-baħar, fuq it-tjur tal-ajru, u fuq il-bhejjem, u fuq l-art kolla, u fuq kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art. Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu; fuq ix-xbieħa t’Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom” (Ġenesi 1:26, 27).

Naturalment “ix-xbieha t’Alla” ma tfissirx xebħ fil-forma fiżika (ladarba Alla hu spirtu). Jixbaħ ‘l Alla għax kapaċi jaħseb u jagħmel għażliet morali. Bħal Alla, il-bniedem

kien maħluq għaref, ġust u qaddis. Għalkemm id-dnub ħarbat is-sbuħija ta' dan ix-xebħ, kull bniedem għad fadallu ħjiel tax-xbieha t'Alla fih (Ġakbu 3:9); iżda l-glorja tas-sura t'Alla fih terġa' tidher biss fix-xogħol ta' restawrazzjoni li Alla jagħmel f'uliedu. "Il-bniedem il-ġdid, li skond Alla hu maħluq fil-*ħaqq* u l-*qdusija* tas-sewwa… mġedded fl-*għerf* skond ix-xbieha ta' ma ħalqu" (Efesin 4:24; Kolossin 3:10).

Il-bniedem hu kompost minn żewġ elementi: parti materjali u parti spiritwali. "Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art (il-ġisem, il-parti materjali), u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja (l-ispirtu, il-parti mhix materjali); u l-bniedem sar ruħ ħajja" (Ġenesi 2:7). Il-Mulej Ġesù jiddistingwi bejn il-ġisem materjali u r-ruħ spiritwali: "La tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, u wara dan m'għandhom xejn iżjed x'jistgħu jagħmlu... Ibżgħu minn dak li wara li jkun qatel għandu s-setgħa li jitfa' fl-infern; iva, ngħidilkom: Ibżgħu minnu" (Luqa 12:4, 5). Kieku konna magħmulin minn ġisem biss, wara li mmutu ħadd ma jista' jagħmlilna xejn iżjed. Iżda ladarba wara l-mewt Alla jista' "jitfa' fl-infern," jidher ċar li l-mewt mhix il-qerda kompleta tal-bniedem. Il-parti li ma tinqeridx mal-mewt hi r-ruħ, kif qalilna Ġesù f'post ieħor: "La tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, imma ma jistgħux joqtlu r-ruħ" (Mattew 10:28). It-teorija tal-evoluzzjoni tqis il-bniedem bħala annimal materjali u xejn aktar. Minħabba dan l-iżball fundamentali, il-bniedem

modern għalxejn jipprova jsib il-milja fi ħwejjeġ materjali biss. Tassew neħtieġu l-ħobż biex ngħixu, iżda veru wkoll li "l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix."

Il-bniedem hu esseru soċjali. Ma kienx maħluq biex jgħix waħdu. "Mhux tajjeb li l-bniedem ikun waħdu," qal Alla. Kien mogħti qalb li tħobb; qalb li tixxennaq għall-imħabba. L-ewwel żewġ kmandamenti -- l-imħabba lejn Alla u bnedmin oħra -- jirriflettu n-natura soċjali tagħna. Iż-żwieġ hu l-aktar relazzjoni intima u naturali għax tesprimi l-istess ħolqien tiegħu, "Alla ħalaq il-bniedem… raġel u mara ħalaqhom" (Ġenesi 1:27). Għalkemm qatt ma jitilfu l-personalità individwali, ir-raġel u l-mara jitwaħħdu flimkien. Ir-raġel jingħaqad ma martu u jsiru laħam wieħed; m'humiex iżjed tnejn iżda ġisem wieħed (Ġenesi 2:24; Mattew 19:9). Iż-żwieġ hu riflessjoni ta' relazzjoni aktar fundamentali, l-għaqda tal-bniedem m'Alla, "Għax aħna membri ta' ġismu, ta' laħmu, u ta' għadmu. Minħabba f'hekk, raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma martu, u jkunu t-tnejn ġisem wieħed. Dan hu misteru kbir; iżda jien irrid ngħid għal Kristu u l-knisja" (Efesin 5:33). Il-bniedem qatt ma jsib il-milja tal-eżistenza tiegħu jekk mhux f'relazzjoni intima mal-Ħallieq. "Bħalma għażżiela mlebilba għall-ilma ġieri, hekk ruħi mlebilba għalik, o Alla. Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla il-ħaj" (Salm 42:1, 2).

Il-bniedem huwa esseru morali u spiritwali. Kien mogħti l-ħsieb, il-kuxjenza u r-rieda biex jagħmel għażliet responsabbli fil-preżenza t'Alla. Hu fid-dmir jonora u jobdi s-Sid tiegħu. Dak kien it-test tal-fedeltà tal-bniedem lejn il-Ħallieq. Il-ferħ jew id-dwejjaq, il-ħajja jew il-mewt, kienu jiddependu fuq dik l-għażla: Jobdi u jgħix; ma jobdix u jmut.

# 8. IL-BNIEDEM: MITLUF

Alla hu l-Ħallieq u s-Sultan tal-univers. Ħalaqna u qiegħed jieħu ħsiebna u għalhekk jonqos minna nigglorifikawh f'kollox u nobduh bi gratitudni. Nafu mill-kuxjenza u mill-kmandamenti x'inhu tajjeb u ħażin. Id-dmir ewlieni tagħna hu li nħobbu 'l Alla b'qalbna kollha, u nħobbu l-proxxmu tagħna.

Fil-bidu, meta ħalaq l-ewwel ġenituri tagħna, Adam u Eva, il-Mulej qegħdhom fil-ġnien ta' Għeden u berikhom. Ħajjithom kienet tiddependi fuq l-ubbidjenza tagħhom. "Il-Mulej Alla ta dal-kmandament lill-bniedem, billi qallu: Minn kull siġra tal-ġnien tista' tiekol iżda mis-siġra ta' tagħrif il-ġid u d-deni, la tikolx minnha għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur tmut" (Ġenesi 2:16, 17). Ubbidjenza perfetta twassal għall-ħajja u xirka m'Alla; diżubbidjenza ġġib il-mewt u firda.

Adam għażel li jkun diżubbidjenti u kiel mill-frotta projbita. Kiser il-kmand t'Alla u għalhekk sar midneb u ħati. Id-dnub t'Adam ġab saħta fuq il-ħolqien kollu li fuqu l-bniedem kien magħmul ħâkem. Peress li Adam hu missier u r-rappreżentant tal-umanità, id-dnub tiegħu hu magħdud lill-bnedmin kollha, kif tgħallem l-Iskrittura: "Bi bniedem wieħed daħal id-dnub fid-dinja; u bid-dnub il-mewt, u hekk laħqet il-mewt il-bnedmin kollha, għax

kollha dinbu... bil-ħtija ta’ wieħed waqgħet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha... bin-nuqqas ta’ ubbidjenza ta’ wieħed ħafna saru midinbin” (Rumani 5:12, 18, 19).

Il-konsegwenzi tad-dnub oriġinali li naraw kuljum -- il-miżerji, it-tbatija u l-mewt -- huma biss ħjiel tal-kruha u l-gravità tad-dnub. Bil-waqgħa fid-dnub, l-umanità tilfet il-komunjoni m'Alla (Ġenesi 3:8-10, 24), tinsab taħt l-għadab u s-saħta tiegħu (Efesin 2:2, 3), u għalhekk kienet magħmula suġġetta għall-miżerji kollha ta' din il-ħajja, l-mewt (Ġenesi 3:16-19), u għall-pwieni tal-Infern għal dejjem. “Morru min fejni ja misħutin, fin-nar ta’ dejjem” (Mattew 25:41).

Adam seta’ jagħmel it-tajjeb u jgħix, imma wara l-waqa’ kulma jagħmel kien imtebba’ bid-dnub. Il-bniedem jieħu deċiżjonijiet skond ir-rieda tiegħu mingħajr ħadd ma jisforzah (f’dan is-sens ir-rieda tal-bniedem hi ħielsa), iżda peress li huwa midneb sa mit-tnissil (Salm 51:5), kulma jagħmel huwa mħassar bid-dnub. F’dan is-sens ir-rieda tal-bniedem mhix ħielsa: jagħżel li jrid, imma jagħżel il-ħażen dejjem għax hu midneb. F’qalb il-bniedem m’hemmx “għajr li jfassal il-ħażen il-jum kollu” (Ġenesi 6:5). Xi għemejjel tal-bniedem jidhru tajbin u ġusti, imma Alla ma jħarisx fuq barra biss. Iħares lejn il-qalb midinba u l-kburija tiegħu. Peress li hu ħażin u ribell kontra Alla, kulma jagħmel il-bniedem mitluf huwa ħażin f’għajnejh.

Il-bniedem għandu opinjoni minfuħa tiegħu nnifsu. Minkejja "d-dgħufijiet" u "l-iżbalji" jaħseb li għandu qalb tajba. Iżda l-Kelma t'Alla tisħaq bil-kontra: "Qarrieqa l-qalb aktar minn kollox, u mħassra wkoll" (Ġeremija 17:9). Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn qalb qarrieqa? Tista' tiġbor tin mix-xewk, jew għeneb mill-għollieq? Daqshekk ieħor jistal-bniedem mwieled midneb jipproduċi għemejjel ġusti quddiem Alla.

## MIDNEB

L-idea popolari li l-bnedem hu essenzjalment tajjeb hi żbaljata. Bl-eċċezzjoni ta' Ġesù Kristu (Lhud 4:15), il-bnedmin kollha huma midinbin (1 Slaten 8:46; Salmi 143:2; Rumani 3:12; 1 Ġwanni 1:8).

Imma kemm hu ħażin il-bniedem? Forsi xorta baqgħalu "rieda ħielsa" tant li jekk irid kapaċi jobdi l-liġi t'Alla, jindem u jemmen fi Kristu? Jew imwieled b'rieda mjassra għad-dnub tant li minn jeddu u bil-ħila tiegħu la jista' jobdi l-liġi t'Alla u lanqas jista' jiġi għand Kristu? L-Iskrittura tgħallem li l-bniedem naturali ma jobdix u lanqas jista' jobdi l-liġi t'Alla: "Il-moħħ tal-ġisem hu għadu t'Alla; għax mhux suġġett għal-liġi t'Alla, u lanqas tassew ma jista' jkun" (Rumani 8:7). Barra minn hekk, il-bniedem la jfittex 'l Alla u lanqas jiġi għand Kristu minnu nnifsu: "M'hemm ħadd li jifhem; m'hemm ħadd li jfittex 'l Alla." Ġesù qal: "Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk ma jingħatalux

mill-Missier" (Rumani 3:11; Ġwanni 6:65). Il-bniedem naturali hu spiritwalment paralizzat. Fih m'hemm ebda saħħa u rieda tajba; fih m'hemm ebda tama. Irid ikun Alla li jagħtih il-ħajja u l-ħelsien, jekk u meta jogħġob lilu.

Imma ladarba Alla jikkmanda lil kull bniedem iħobbu u jemmnu fi Kristu, ma jfissirx allura li l-bniedem *jista'* jobdi? Le, bl-ebda mod, għax il-kmandament juri x'inhu *sewwa* f'għajnejn Alla u *l-obbligu* tal-bniedem, mhux *l-abbiltà* tiegħu. It-tajjeb li suppost nagħmlu m'aħniex kapaċi nwettquh. Mhux għax Alla ħalaq il-bniedem ħażin; imma għax il-bniedem dineb, sar ħażin u tilef il-qawwa li kellu fil-bidu. Lanqas ma jbaxxi Alla l-livell tal-liġi divina għax aħna ma nistgħux nilħqu mal-perfezzjoni tagħha. Il-Liġi t'Alla tirrifletti l-qdusija perfetta tiegħu, mhux id-dgħufija tagħna.

## IL-LIĠI T'ALLA

Il-bniedem kien, għadu u jibqa' responsabbli biex jobdi lil Alla. Il-Liġi t'Alla hi magħrufa mill-kuxjenza (Rumani 2:14, 15) u mill-Għaxar Kmandamenti li Alla ta permezz ta' Mosè (Esodu 20):

1. Ma jkollokx allat oħra quddiemi.
2. La tagħmel ebda xbieha minquxa għalik...
3. La ssemmix isem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal...
4. Ftakar f'jum is-Sibt, biex tqaddsu...

5. Weġġaħ lil missierek u lil ommok...
6. La toqtolx.
7. La tikkommettix adulterju.
8. La tisraqx.
9. La tgħidx xhieda giddieba għal għajrek
10. La tixtieq... xejn milli hu ta' għajrek.

Id-dinja kollha hi ħatja tal-ksur tal-Liġi. "Issa aħna nafu li kull ħaġa li tgħid il-liġi, tgħidha li dawk li huma taħt il-liġi; biex jingħalaq kull fomm, u d-dinja kollha ssir ħatja quddiem Alla" (Rumani 3:19). Peress li kulħadd midneb, il-Liġi ma tistax issalva. "Ħadd ma jkun iġġustifikat quddiemu bl-għemil tal-liġi; għax bil-liġi jingħaraf id-dnub" (Rumani 3:20). Infatti dawk kollha li jittamaw li jiksbu l-ħajja permezz tal-Liġi huma misħutin għax ħadd ma wettaqha perfettament. "Dawk kollha li huma tal-opri tal-liġi huma taħt is-saħta, għax hu miktub: Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha" (Galatin 3:10). Bħal mera, il-Liġi turi u tikxef id-dnub u l-ħtija biex il-midneb jaqta' jiesu mill-ħila u l-ġustizzja personali u jfittex il-ħelsien fi Kristu. "Il-liġi kienet il-mexxejja tagħna biex teħodna għand Kristu, biex inkunu iġġustifikati bil-fidi" (Galatin 3:24).

Il-Kristjan jifraħ li m'għadux aktar taħt il-kundanna tal-Liġi għax Alla wera grazzja miegħu (Rumani 6:14). Madankollu l-Kristjan jibqa' obbligat jobdi l-kmandamenti ta' Kristu sforz l-imħabba tiegħu lejh (Ġwanni 14:21). L-

ubbidjenza tal-Kristjan, għalkemm imperfetta, hi xhieda tal-ħidma salvivika fih peress li mal-maħfra Alla jagħti wkoll qalb ġdida. "Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibhomlhom; u fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar" (Lhud 10:16, 17).

# 9. IL-BNIEDEM: MIFDI

Is-salvazzjoni tfisser l-ħelsien tal-bniedem mid-dnub u l-konsegwenzi tiegħu, u l-għotja tal-libertà biex jgħix għall-glorja t'Alla u jgawdih għal dejjem. Il-bniedem jinħeles mill-għadab t'Alla, id-dominju tad-dnub u mill-kundanna li jġib miegħu (Rumani 5:21; 6:20-22; 8:1). Id-dnub ġab ukoll ħerba fil-ħolqien, u l-agħar ħaġa, l-mewt. Din il-ħsara wkoll għad tissewwa; Alla għad jagħmel smewwiet ġodda u art ġdida meta jqajjem 'l uliedu għall-ħajja eterna u jagħtihom ġisem glorifikat li ma jitħassar qatt. Is-salvazzjoni hi deskritta wkoll bħala "fidwa" għax kien hemm prezz x'jitħallas għall-ħelsien. Alla mhux sempliċiment nesa d-dnub, imma ħallas kompletament għad-dejn tad-dnub tal-bniedem bid-demm ta' Ibnu.

Nistgħu niddistingwu tlett aspetti temporali tas-salvazzjoni; il-passat, il-preżent u l-futur. Il-Kristjan hu diġa' salvat mill-ħtija u d-dominju tad-dnub (Rumani 4:5-7; 6:18). Minn issa l-kredent huwa ġustifikat quddiem Alla (Rumani 5:1). Imma sakemm għadu fid-dinja irid jibqa' jiġġieled kontra "il-laħam" -- il-prinċipju tad-dnub li għadu fih (Rumani 7:22-23). Alla jaħdem f'uliedu bl-Ispirtu tiegħu biex matul ħajjithom jirbħu fuq id-dnub u jgħixu għall-ġustizzja. Is-salvazzjoni tkun imwettqa kompletament fit-tieni miġja ta' Kristu, meta jeħlisna mill-

preżenza tad-dnub u jagħtina ġisem glorifikat (Rumani 8:23, 24). Bit-tama aħna salvati.

X'inhu l-iskop tas-salvazzjoni? Naturalment il-bniedem igawdi wisq mill-ħniena u t-tjieba t'Alla. Imma l-għan ewlieni mhux il-bnidem. Alla jsalva l-magħżulin għall-glorja tiegħu stess; u jikkastiga lill-oħrajn biex juri l-qawwa u l-ħaqq tiegħu. "Alla, biex juri l-għadab tiegħu, u jgħarraf il-qawwa tiegħu, ħamel għal żmien twil ħwejjeġ tal-għadab imħejjijin għall-qerda. U biex ikun jista' jgħarraf il-għana tal-glorja tiegħu ma ħwejjeġ tal-ħniena, li hu ħejja minn qabel għall-glorja" (Rumani 9:22, 23). "Bil-grazzja intom salvati... biex fiż-żminijiet li ġejjin juri l-għana tal-għaġeb tal-grazzja tiegħu, fit-tjieba tiegħu permezz ta' Kristu Ġesù" (Efesin 2:5, 7).

## GRAZZJA SOVRANA

Mill-eternità Alla għażel xi wħud għas-salvazzjoni. Il-Bibbja ssejjħilhom *il-magħżulin t'Alla*. Ġesù qal li "ħafna huma msejħin, iżda ftit huma magħżulin" (Mattew 22:14); u l-appostlu Pawlu jgħallem li "f'dan iż-żmien ukoll hemm fdal magħżul bi grazzja" (Rumani 11:5). Ifakkar lid-dixxipli li Alla "għażilna fi Kristu qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisin u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba, billi ippredestinana biex inkunu wliedu addottivi għalih innifsu b'Ġesù Kristu, skond l-intenzjoni tajba tar-rieda tiegħu (Efesin1:4, 5). M'għażilhomx mill-

bqija tal-bnedmin għax kienu aħjar minnhom (ikkonsidra l-każ ta' Ġakobb, Rumani 9:11); infatti l-Kristjani jammettu li qabel huma wkoll kienu mejtin fi ħtijiethom u dnubiethom u kienu wkoll ulied il-għadab l-istess bħall-oħrajn (Efesin 2:1-3). Alla għażilhom purament bil-grazzja tiegħu, għax hekk għoġbu, u mingħajr ma kien jistħoqqilhom.

Is-salvazzjoni mhix proġett bejn Alla u l-bniedem, bħallikieku Alla jagħmel parti u l-bniedem jikkontribwixxi l-parti tiegħu. Xi wħud jgħallmu li l-bniedem jikkontribwixxi l-opri tajba biex jimmerita l-ħajja ta' dejjem, kuntrarju għat-tagħlim ċar tal-Iskrittura: "Intom salvati bil-grazzja, permezz tal-fidi, u dan mhux minnkom infuskom, dan hu don t'Alla, mhux mill-opri biex ħadd ma jiftaħar" (Efesin 2:8,9). Oħrajn jgħallmu li għalkemm il-bniedem ma jimmeritax il-grazzja, kollox jiddependi fuq l-kunsens tar-rieda umana. Dan żball ieħor; peress li hu midneb, il-bniedem ma *jridx* jersaq lejn Alla. Għalhekk il-Bibbja tgħid li "mhux billi wieħed irid, jew billi wieħed jiġri, iżda billi Alla juri ħniena" (Rumani 9:16). Mill-bidu sat-tmiem, mill-għażla fl-eternità sal-glorifikazzjoni fl-aħħar Jum, is-salvazzjoni hi l-inizjattiva u l-ħidma t'Alla waħdu. "Bil-grazzja intom salvati" (Efesin 2:5).

# IL-PATT TAL-GRAZZJA

Appena l-bniedem waqa' fid-dnub, Alla mill-ewwel ta' ħjiel tal-grazzja li kien se juri miegħu. Wiegħed il-miġja ta' nisel il-mara biex jeħodha kontra is-serp u jisħaqlu rasu (Ġenesi 3:15). Fl-Għeden ix-xitan rebaħ għax waqqa' il-bniedem fid-dnub; fuq il-Golgota nisel il-mara, Kristu, rebaħ il-battalja finali billi kiseb il-fidwa.

Alla għoġbu jintrabat mal-bniedem b'patt (rabta, għaqda solenni) għas-salvazzjoni tiegħu. Alla wiegħed lil Abraham: "Inżomm l-għaqda tiegħi bejni u bejnek, u bejn nislek warajk, minn ġidd għal ġidd, bħala għaqda għal dejjem, biex inkun Alla tiegħek, u lil nislek warajk" (Ġenesi 17:7). Alla intrabat li jsewwi l-firda li ġab id-dnub, u jirrestawra l-ħbiberija bejn Alla u l-bniedem: "Inkun Alla tiegħek."

Sakemm intbagħat il-Feddej, Alla intrabat b'patt mal-poplu ta' Iżrael, li kellu jwassal sal-miġja tal-Messija. Minn dakinhar Alla waqqaf patt ġdid u aħjar, biex jiġbor għalih poplu kbir minn fost il-Lhud u l-ġnus kollha. Huwa patt aħjar, b'wegħdi aħjar (Lhud 8:6), msejjes fuq sagrifiċċju aħjar (Lhud 9:3), offrut minn qassis aħjar u f'santwarju aħjar (Lhud 7:26 – 8:14). Dan huwa l-patt il-ġdid fid-demm ta' Kristu, li minnu għandhom sehem il-fidili kollha (Luqa 22:20).

Skond dan il-Patt tal-Grazzja, Alla jintrabat li jaħfer id-dnubiet tal-poplu tiegħu u jagħtihom qalb ġdida. “Din hi r-rabta li nagħmel magħhom wara dawn il-jien, jgħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f’qalbhom, u f’moħħhom niktibhomlhom; u fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar” (Lhud 10:16, 17). Min issa l-mifdija jissejħu l-poplu t’Alla. Il-milja ta’ din il-barka meraviljuża tintlaħaq fil-glorja meta lkoll jinġabru fil-preżenza t’Alla tagħhom. “Ara, l-għamara t’Alla hi mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla stess ikun magħhom, u jkun Alla tagħhom” (Rivelazzjoni 21:3).

Il-Patt tal-Grazzja hu msejjes fuq il-pjan etern (Efesin 1:4; 3:11; 2 Timotju 1:9), il-Patt tal-Fidwa, bejn Alla l-Missier u Kristu, il-mexxej u r-rappreżentant tal-magħżulin t’Alla. Fil-vangelu Kristu jsemmi l-wegħdi li Alla l-Missier għamillu qabel ġie fid-dinja, u l-ħidma fdata lilu mill-Missier (Ġwanni 5:30, 43; 6:38-40; 17:4-12). F’dan il-pjan, Kristu hu r-ras tal-magħżulin u jirrappreżenta l-poplu kollu quddiem Alla (Rumani 5:12-21; 1 Korintin 15:22). Hu wkoll l-garanti (Lhud 7:22), li jagħmel tajjeb għall-obbliġi legali tal-poplu.

# 10. Il-FEDDEJ: MIN HU

L-Iskrittura tgħallem li l-Mulej Ġesù, il-Medjatur tal-Patt tal-Grazzja, huwa *Alla u bniedem*, kif se naraw.

## KRISTU HU BNIEDEM

Kristu hu bniedem tassew ladarba għandu l-kwalitajiet umani bħalna. Twieled f'Betlehem madwar elfejn sena ilu minn mara Lhudija jisimha Marija. Bħal tfal oħra, Ġesù żviluppa u kiber fl-għerf u fit-tul. Trabba ma' Ġużeppi u Marija f'Nażaret u kien jisma' minnhom. Tgħallem is-sengħa ta' Ġużeppi u ħadem ta' mastrudaxxa. Meta kellu madwar tletin sena ħareġ jgħallem. Darba, għajjien mill-mixi poġġa bilqiegħda fuq ħorża ta' bir jistrieħ; darb' oħra raqad fid-dgħajsa. Stqarr li ħadd ħlief il-Missier ma jaf il-jum tar-ritorn tiegħu, kien jaqbdu l-ġuħ u l-għatx, kellu jivvjaġġa minn post għall-ieħor biex ixandar fi bliet differenti. Ħdejn il-qabar ta' ħabibu, Ġesù beka, u fil-ġnien taż-Żebbuġ ammetta ma' ħbiebu, "Imnikkta wisq ruħi, għall-mewt." Ħass it-tbatija tal-passjoni, u bħala l-quċċata tal-missjoni tiegħu, Kristu miet imdendel ma' salib Ruman. Ġesù "ma ħax fuqu in-natura tal-anġli; iżda ħa fuqu n-nisel ta' Abraham" (Lhud 2:16); f'kelma waħda, Hu "*il-bniedem* Kristu Ġesù" (1 Timotju 2:5).

# KRISTU HU ALLA

Il-Bibbja tgħallem ukoll li Kristu hu Alla għaliex għandu l-attributi t'Alla, jissemma bit-titli divini, u jwettaq ix-xogħol li Alla biss jista' jagħmel.

Kristu għandu l-attributi divini. L-Iben huwa etern; kien mal-Missier qabel il-ħolqien (Ġwanni 17:5). Bħala bniedem Ġesù beda l-eżistenza tiegħu fil-konċepiment; iżda kien diġa' jeżisti minn qabel ġie fid-dinja. Il-profeta ħabbar li "nislu jkun mill-qedem, *mill-jiem ta' dejjem*" (Mikea 5:2). Ġesù huwa omnipotenti, "Dak li jista' kollox" (Rivelazzjoni 1:8). Stqarr li għandu l-istess qawwa bħal Missier: "Għax dawk il-ħwejjeġ kollha li jagħmel (il-Missier), dawn l-Iben jagħmel ukoll" (Ġwanni 5:15-19). Ladarba jagħmel kulma jagħmel il-Missier, Kristu hu omnipotenti bħalu. Huwa wkoll omnixjenti. L-appostli talbuh: "Int, Mulej, li taf il-qlub tal-bnedmin kollha," (Min ħlief Alla jaf qalb il-bniedem?); u bl-aktar kliem sempliċi stqarrew: "Issa nafu li taf kollox" (ara Atti 1:24; 1 Slaten 8:39; Ġwanni 16:30). Il-Mulej Ġesù hu omnipreżenti u għalhekk seta' jwiegħed id-dixxipli li se jibqa' magħhom avolju fiżikament tela' s-sema: "Ara, jien dejjem magħkom" (Mattew 28:20). L-eluf ta' laqgħat tad-dixxipli ta' Kristu li jinġemgħu fl-istess waqt mad-dinja kollha huma xhieda tal-omnipreżenza tiegħu għax hu qiegħed preżenti magħhom ilkoll, kif wegħdhom: "Fejn tnejn jew

tlieta huma miġburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mattew 18:20). Fl-aħħar, il-Mulej huwa immutabbli, ma jinbidilx. "Int tibqa' l-istess... ilbieraħ, u illum, hu l-istess, u jibqa' għal dejjem" (Lhud 1:12; 13:8). Mela Kristu hu etern, omnixjenti, omnipotenti, omnipreżenti u ma jinbidilx. Fi kliemu stess: "Kulma għandu l-Missier hu tiegħi" (Ġwanni 16:15).

Fit-Testment il-Ġdid, Ġesù ripetutament jissejjaħ "Il-Mulej" jew "Is-Sid." Issa nafu li hemm ħafna sidien, imma wieħed hu s-Sid fuq is-sidien, wieħed hu Sid is-Sibt, wieħed is-Sid ta' kulħadd (Rivelazzjoni 19:16; Mattew 12:8; Atti 10:36). L-istess titlu, Mulej (Kurios), jidentifika lil Ġesù ma Jahwe, l-isem li bih kien magħruf Alla fost il-poplu ta' Izrael (qabbel Isaija 40:3 ma' Mattew 3:3; Ġoel 2:32 ma' Rumani 10:13). Barra min hekk il-Bibbja issejjaħlu ukoll "Alla." L-anġlu ħabbar li iben Marija kellu jissemma Emmanwel, li jfisser "Alla magħna." Ġwanni jibda l-Evanġelju bl-istqarrija: "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet m'Alla, u l-Kelma kienet Alla." L-appostlu Tumas jindirizzah: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi." L-appostlu Pawlu jikteb li "hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem," u "Alla l-kbir, is-salvatur tagħna Ġesù Kristu." L-appostlu Pietru jsejjaħlu, "Alla u s-salvatur tagħna Ġesù Kristu." Fl-aħħar nett, Alla l-Missier stess jindirizza lill-Iben: "It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem" (Mattew 1:21-23; Ġwanni 1:1; 20:28; Rumani 9:5; Titus 2:13; 2 Pietru 1:1; Lhud 1:8; cf.Salmi 10:16; 45:6, 7).

Il-Mulej Ġesù jwettaq il-ħidma li Alla biss jista' jagħmel. L-appostlu Ġwanni jgħallimna li l-ħolqien sar bi Kristu, il-Kelma t'Alla: "Fil-bidu kienet il-Kelma... kollox sar bih; u xejn ma sar mingħajru milli sar" (Ġwanni 1:1, 3). "U, int, Mulej, fil-bidu qegħdt is-sisien tal-art; u xogħol idejk huma is-smewwiet" (Lhud 1:8-10). Bħalissa Ġesù qed jieħdu ħsieb il-ħolqien tiegħu: "iżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu" (Lhud 1:3). Akbar mix-xogħol tal-ħolqien huwa s-salvazzjoni tal-bniedem. L-Iskrittura tiddikjara li Ġesù Kristu hu "s-Salvatur tad-dinja," "is-Salvatur tal-ġisem (il-knisja)," "Alla u Salvatur tagħna," u "Sidna u Salvatur tagħna" (ara Ġwanni 4:42; Efesin 5:23; 2 Pietru 1:1, 11). Fi tmiem id-dinja, il-Mulej Ġesù se jagħmel ħaqq minn kulħadd għax hu "l-Imħallef tal-ħajjin u l-mejtin" (Atti 10:42) u "aħna lkoll jeħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu" (2 Korintin 5:10). Min hlief Alla jista' jagħmel ġudizzju infallibbli tal-bnedmin kollha?

Mela, l-Iskrittura tgħallem li Ġesù Kristu hu etern, omnipotenti, omnixjenti, omnipreżenti u immutabbli. Jismu Jaħwe, Alla u l-Mulej. Il-ħolqien hu xogħol idejh; hu s-Salvatur u l-Imħallef tad-dinja. L-evidenza biblika twassal għal konklużjoni inevitabbli: Ġesù Kristu hu Alla fl-istess sens bħall-Missier, "ix-xbieha perfetta tal-persuna tiegħu" (Lhud 1:3). Mhux ta' b'xejn l-anġli u l-mifdija jagħtu lil Kristu l-adorazzjoni li tixraq 'l Alla waħdu (Rivelazzjoni 5:12-15).

# L-INKARNAZZJONI

L-Iben hu Alla mill-eternità; fiż-żmien sar ukoll bniedem (l-inkarnazzjoni) meta tnissel fil-ġuf tal-verġni, Marija. Minn dakinhar jibqa' Alla u bniedem għal dejjem (ara Isaija 9:6, 7 u Ġeremija 33:14-16). Fil-bidu tal-Vanġelu, Ġwanni jsejjaħ lil Kristu "il-Kelma" u jiddikjara li l-Kelma kienet *Alla*. Imbagħad ikompli jħabbar li "l-Kelma *saret ġisem* u għammret fostna" (Ġwanni 1:1, 14). "Fih tgħammar il-milja kollha tad-*divinità* fil-*ġisem*" (Kolossin 2:9).

Qabel kien fid-dinja, l-Iben kien minn dejjem fil-glorja mal-Missier. Biex iwettaq il-pjan tal-fidwa, l-Iben umilja lilu nnifsu, sar bniedem, għex taħt il-liġi, miet u indifen. "Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, iżda biex jaqdi, u biex jagħti ħajtu b'fidwa għal ħafna" (Mark 10:45). Wara li ġarrab dan l-istat ta' umiltà, Alla l-Missier gglorifikah billi qajmu mill-imwiet, tellgħu is-sema u qiegħdu jsaltan fuq il-lemijia tiegħu, meqjum mill-mifdija kollha (ara Filippin 2:5-11).

Kien jeħtieġ li l-Feddej ikun *bniedem* għax biex jikseb il-ħelsien kellu jxerred demmu, u għax aħna l-bnedmin għandna bżonn bniedem bħalna biex jirraprezentana quddiem il-Missier. Kien jeħtieġ li jkun *Alla* għax m'hemmx salvatur ieħor ħlief Alla: "Jien, iva jien, jien il-Mulej; u għajri m'hemmx salvatur" (Isaija 43:11).

# 11. IL-FEDDEJ: ĦIDMIETU

L-Iben t'Alla sar bniedem biex iwettaq xogħol uniku; ġie biex jikseb il-fidwa tal-poplu t'Alla mill-jasar tad-dnub. It-titlu "Kristu" (jew bl-Ebrajk, "Messija") ifisser "il-Midluk" u jindika l-konsagrazzjoni tiegħu mill-Missier għal din il-missjoni. Fit-Testment il-Qadim il-profeti, il-qassisin, u s-slaten kienu jiġu midluka biż-żejt, simbolu tal-Ispirtu s-Santu (1 Slaten 19:16; Esodu 29:7; 1 Samwel 10:1). Il-Mulej Ġesù kien midluk bl-Ispirtu s-Santu biex iwettaq il-ħidma ta' profeta, saċerdot u sultan, u b'hekk iwettaq il-Patt tal-Fidwa.

## PROFETA, QASSIS, SULTAN

Il-profeta hu l-messaġġier t'Alla għall-poplu tiegħu. It-Testment il-Qadim ħabbar il-miġja ta' Kristu bħala profeta (Dewteronomju 18:15, Atti 3:23). Sejjaħ lilu nnifsu profeta (Luqa 13:33) u tkellem bl-ogħla awtorità (Mattew 7:29). Meta kien fid-dinja xandar il-Kelma t'Alla, u llum, għalkemm tela' s-sema għadu jwettaq il-ministeru profetiku permezz tal-Ispirtu s-Santu (Ġwanni 14:26; 16:12-14).

Bħalma l-profeta jirrappreżenta lil Alla quddiem il-poplu, il-qassis jirrappreżenta lill-poplu quddiem Alla, joffri sagrifiċċji u jinterċiedi għalihom. It-Testment il-Qadim

ħabbar il-miġja ta’ Kristu bħala qassis (Salm 110:4; Isaija 53). Ġesù hu s-saċerdot tagħna (Lhud 3:1; 4:14; 5:5; 6:20; 7:26). Is-sagrifiċċji tal-bhejjem kienu xbieha tas-sagrifiċċju ta’ Ġesù (Lhud 9:23, 24). It-Testment il-Ġdid sikwit jitkellem fuq ix-xogħol saċerdotali ta’ Kristu (Ġwanni 1:29; 1 Korintin 5:7; Lhud 9:11-15; 10:11-14). Minbarra li offra sagrifiċċju wieħed darba għal dejjem, Kristu jkompli jidħol għall-poplu tiegħu quddiem Alla fuq il-merti infiniti tas-salib (Lhud 7:25; 9:24; 1 Ġwanni 2:1, 2). Kristu jinterċiedi biss għall-magħżulin t’Alla, mhux għall-bqija tad-dinja (Ġwanni 17:9, 20).

Il-Bibbja ħabbret minn qabel li “tweldilna tifel; ingħatalna iben, u s-setgħa tkun fuq spallejh... mill-kobor tas-setgħa u s-sliem tiegħu, ma jkunx hemm tmiem, u jsaltan fuq it-tron ta’ David, u fuq saltnatu, biex iwaqqafha, u jwettaqha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem” (Isaija 9:6, 7). Sekli wara l-anġlu ħabbar lil Marija li binha “ikun kbir, u jissemma Bin il-Ogħla; u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta’ missieru David, u jsaltan għal dejjem fuq id-dar ta’ Ġakobb; u għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem” (Luqa 1:32, 33). Ġesù beda jħabbar il-wasla tas-saltna t’Alla, u għalkemm (dejjem skond l-għan etern t’Alla) niesu ma laqgħuhx u salbuh għax qal li hu sultan, Ġesù ġie mqajjem mill-mewt u ngħata kull setgħa fis-sema u fl-art (Mattew 28:18). Bħalissa Ġesù Kristu qiegħed isaltan mis-sema (1 Korintin 15:25). Xi wħud jiżbaljaw meta jgħidu li Kristu mhux isaltan issa, imma se jsaltan fil-futur meta jerġa’ jiġi.

Insew li huma, ladarba twieldu mill-ġdid, diġa' qiegħdin fis-saltna t'Alla, is-saltna ta' Ibnu l-maħbub (Ġwanni 3:3, 5; Kolossin 1:13).

## IL-MEWT TA' KRISTU

Kristu miet skond il-pjan etern t'Alla u mhux b'kumbinazzjoni jew għax ma setgħax jisgiċċa mill-kumplott tal-għedewwa. Kristu miet għax ried hu, biex jagħti ħajtu b'fidwa għal ħafna (Ġwanni 10:17, 18). Mewtu kienet profetizzata minn qabel (Isaija 53:7, 8), u murija fis-sagrifiċċji tal-bhejjem matul it-Testment il-Qadim. Kristu miet għax hekk kien determinat mill-eternità, skond il-Patt tal-Fidwa bejn Alla l-Missier u Ibnu (Atti 2:23).

Kristu miet biex jissodisfa l-liġi divina li ksirna aħna. Alla qiegħdu biex ikun *il-propizjazzjoni* (tradotta "mezz tal-maħfra" f'Rumani 3:25). Id-dnub inissel l-għadab ġust t'Alla kontra l-midneb; bil-mewt tiegħu Kristu *berred l-għadab t'Alla* kontrih (wettaq propizjazzjoni). Kristu wkoll ta ħajtu *b'fidwa* għal ħafna. Il-ksur tal-liġi t'Alla tiġbed is-saħta t'Alla fuq il-midneb. Kristu ħelisna (fdiena) minn dik is-saħta permezz tas-salib (Galatin 3:13). "Meta waslet il-mija taż-żmien, Alla bagħat 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi" (Galatin 4:4, 5).

Il-mewt ta’ Kristu hi sostituzzjonarja, jiġifieri Kristu miet minflok ħaddieħor. Kristu, il-ġust, ma kienx ħaqqu jmut; hu miet minflok u għall-benifiċċju ta’ ħaddieħor. L-Iskrittura tgħallem li Alla qiegħed fuqu d-dnubiet ta’ ħaddieħor (Isaija 53:6); hu ġarr ħtijiet ħaddieħor (Lhud 9:28); ta’ ħajtu għal ħafna (Mark 10:45; 1 Pietru 3:18).

F’ċertu sens Kristu miet għal kulħadd, għad-dinja kollha (Ġwanni 1:29), għax il-poplu tiegħu hu magħmul minn nies mill-ġnus kollha (Rivelazzjoni 5:9). Madankollu, il-mewt ta’ Kristu kisbet il-maħfra tad-dnubiet tal-poplu tiegħu biss għax hu ġie biex isalva l-poplu tiegħu (Mattew 1:21); jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (Ġwanni 10:11, 15), għall-knisja (Atti 20:28; Efesin 5:25-27); għall-magħżulin t’Alla (Rumani 8:32, 33). Jiżbaljaw dawk li jgħidu li Kristu miet għan-nies tad-dinja kollha, sew dawk li jsalvaw u dawk li jintilfu. Kieku miet għalihom biex iħallas dnubiethom, għaliex għandhom jintilfu? Lanqas jistgħu jgħidu li jintilfu għax ma jemmnux. L-ebusija ta’ qalbhom hi dnub ukoll. Imma ladarba jintilfu, jidher ċar li Kristu ma ħallasx għad-dnub tan-nuqqas ta’ fidi tagħhom.

## IL-QAWMIEN TA’ KRISTU

Il-qabar ta’ Kristu huwa vojt. Hu qam mill-mewt fit-tielet jum, fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Wara li kiseb il-fidwa b’demmu, Alla qajmu minn bejn l-imwiet biex jigglorifikah u jgawdi l-frott ta’ ħidmietu. Bil-qawmien tiegħu Kristu

għeleb il-mewt, biex hekk iseħibna fil-ġustizzja miksuba għalina b'mewtu (Rumani 4:25; 1 Pietru 1:3-5). Ir-reżurrezzjoni ta' Kristu hi għalina pleġġ ċert tal-qawmien glorjuż tagħna (Rumani 8:11; 1 Kor.15:12-23; Fil.3:20-21). Id-dnub ta' Adam ġab il-mewt fuq kulħadd; l-ubbidjenza ta' Kristu kisbet l-ħajja għal-poplu kollu tiegħu. Issa li hu ħaj, Kristu jieħu ħsieb u jara li jwassal il-poplu tiegħu fil-glorja. "Jekk meta konna għedewwa konna rrikonċiljati ma' Alla bil-mewt ta' Ibnu, aktar u aktar, billi aħna rikonċiljati, inkunu salvati bil-ħajja tiegħu" (Rumani 5:10).

# 12. L-ISPIRTU S-SANTU

L-Ispirtu s-Santu, it-tielet Persuna tat-Trinità, kien mibgħut mill-Iben mingħand il-Missier bħala l-Paraklitu biex jassisti u jqawwi l-knisja matul il-pelligrinaġġ tagħha.

## L-ISPIRTU HU PERSUNA

L-Ispirtu s-Santu huwa persuna. Ma rridux infissru li għandu ġisem materjali bħalna l-bnedmin. "Persuna" hu "xi ħadd" konxju minnu nnifsu, li jaħseb, jitkellem, iħobb, iħoss u jagħmel għażliet volontarji. Għalhekk "forza" jew "enerġija" mhumiex persuna, filwaqt li l-bnedmin u l-anġli huma persuni għax għandhom dawn il-kwalitajiet personali. L-anġli huma persuni għalkemm huma spirti u m'għandhomx ġisem materjali. Huma persuni għax jaħsbu, jitkellmu u l-bqija. Alla huwa spirtu; m'għandux ġisem u għadam bħalna. Madankollu Alla hu persuna għax jaħseb, jitkellem, jippjana u jħobb.

L-istess jista' jingħad għall-Ispirtu s-Santu. M'għandux forma fiżika, iżda hu ċar mill-Bibbja li hu mhux sempliċiment "forza" għaliex għandu l-kwalitajiet personali kollha. L-Ispirtu huwa qawwi, imma mhux sempiċement "qawwa." Bħalma l-Bibbja ssemmi l-qawwa t'Alla, hekk ukoll issemmi l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu

(Rumani 15:13). Il-qawwa hi waħda mill-kwalitajiet tal-persuna tiegħu.

L-Ispirtu huwa intelliġenti: jaf u jfittex il-ħwejjeġ t'Alla (1 Korintin 2:10-11), għandu moħħ (Rumani 8:27) u kapaċi jgħallem lin-nies (1 Korintin 2:13). Għandu wkoll rieda, u jagħti l-għotjiet tiegħu lill-aħwa kif irid (1 Korintin 12:11) u jiġġwida l-attività tal-Kristjani (Atti 16:6-11). Bħal kull persuna oħra, l-Ispirtu s-Santu għandu emozzjoni (iħoss), u għalhekk l-Bibbja twissina biex ma nnikktux l-Ispirtu t'Alla (Efesin 4:30). L-Ispirtu s-Santu jwettaq azzjonijiet personali. Jiggwidana fil-verità billi sew jisma' u jitkellem (Ġwanni 16:13), jikkonvinċi (Ġwanni 16:8), iwettaq il-mirakli (Atti 8:39) u jitlob għalina (Rumani 8:26). Żgur li sempliċi forza ma tistax tisma', titkellem jew titlob.

Il-bnedmin ukoll iġibu ruħhom miegħu f'relazzjoni personali. Il-Kristjani jisimgħuh u jobduh (kif għamel Pietru, Atti 10:19-21), u kultant jigdbulu (Atti 5:3). Oħrajn jagħmlu għajb u saħansitra jidgħu kontra l-Ispirtu (Lhud 10:29; Mattew 12:31). Il-Mulej juri li l-Ispirtu hu persuna għax isejjaħlu "avukat ieħor" bħalu nnifsu. "Jien nitlob il Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem" (Ġwanni 14:16). Kif Ġesù huwa persuna, hekk ukoll l-Ispirtu li bagħat minfloku.

# L-ISPIRTU HU ALLA

Min jagħraf li l-Ispirtu huwa persuna, faċilment jagħrfu ukoll li huwa Alla; hu jissejjaħ l-Ispirtu t'Alla u l-Ispirtu tal-Mulej, u Alla issajjaħlu l-Ispirtu tiegħi. Għandu l-attributi divini: jaf kollox (1 Korintin 2:12); jinsab kullimkien (Salm 139:7) u etern (Lhud 9:14). Iwettaq l-għemejjel divini: joħloq (Ġenesi 1:2; Ġob 33:4) u jagħti l-ħajja (Ġwanni 6:63). L-appostli kienu konvinti li l-Ispirtu s-Santu huwa Alla. Pietru wissa lil wieħed mill-aħwa: "Għaliex imlielek qalbek ix-xitan biex tigded lill-Ispirtu s-Santu… Mhux lill-bnedmin gdibt, imma 'l Alla" (Atti 5:3, 4).

Il-kliem tal-Mulej fit-Testment il-Qadim huwa kwotat fit-Testment il-Ġdid bħala l-kliem tal-Ispirtu. Ngħidu aħna fil-ktieb ta' Isaija, l-Mulej jordna: "Mur, u għid lil dal-poplu." L-appostlu Pawlu jikkwota dan il-kliem u jgħid, "Tajjeb tkellem l-Ispirtu s-Santu b'Isaija l-profeta" (Isaija 6:9; Atti 28:25). Mela kliem il-Mulej huwa kliem l-Ispirtu s-Santu. (Qabbel ukoll Ġeremija 31:31-34 ma' Lhud 10:15).

Il-Kristjani huma t-tempju t'Alla għax l-Ispirtu s-Santu jgħammar fihom. "Ma tafux li intom it-tempju t'Alla... Ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu?" (1 Korintin 3:16; 6:19). L-Ispirtu li jgħammar fina huwa Alla. Il-Kristjani jagħrfu mill-esperjenza u l-Iskrittura min hu l-Ispirtu s-Santu. Il-bqija tal-bnedmin jibqgħu ma jafuhx.

“Id-dinja ma tistax tilqgħu, għax la tarah, u lanqas tafu; iżda intom tafuh għax jgħammar... fikom” (Ġwanni 14:17).

## IL-HIDMA TAL-ISPIRTU S-SANTU

Il-hidma tal-Ispirtu tidher mill-ewwel sal-aħħar paġna tal-Bibbja. Fil-ħolqien l-Ispirtu t’Alla kien jittajjar fuq wiċċ l-ilmijiet, u fl-aħħar, l-Ispirtu jidher jassisti l-għarusa ta’ Kristu sakemm tiltaqa’ mal-maħbub tagħha.

Fit-Testment il-Qadim l-Ispirtu jissemma sikwit, partikolarment meta jagħti l-qawwa u l-għerf lill-mexxejja u l-profeti. Kristu kien imnissel bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-verġni Marija. Fil-magħmudija l-Ispirtu deher f’forma ta’ ħamiema biex juri pubblikament li Ġesù ta’ Nażaret huwa l-Messija. Sa mill-bidu Kristu kien immexxi mill-Ispirtu (Mark 1:12) sakemm fl-aħħar “permezz tal-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla għajb ‘l Alla” (Lhud 9:14). Permezz tal-mirakli l-Ispirtu ta xhieda li Ġesù hu tassew l-Iben t’Alla (Mattew 12:28).

Alla wasslilna kelmtu permezz tal-Ispirtu s-Santu. “Il-profezija ma ġiet qatt fl-imgħoddi bir-rieda tal-bniedem, imma nies qaddisa, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, tkellmu” (2 Pietru 1:21). L-istess jista’ jingħad għat-tagħlim tal-appostli, li “Alla għarrafhomlna bl-Ispirtu tiegħu” (1 Korintin 2:10). Għalhekk l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa huwa l-Ispirtu s-Santu. Barra minn hekk l-

Ispirtu kkonferma bil-mirakli u sinjali, bħall-ilsna u fejqan mirakolż, il-kelma mxandra mill-appostli (Lhud 2:3, 4). Minbarra li tana l-Kelma, l-Ispirtu s-Santu jagħtina d-dehen biex nifmuha. Altrimenti l-messaġġ tal-Bibbja jibqa' mistur għall-bniedem. "Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ li huma tal-Ispirtu t'Alla, għax huma bluha għalih u lanqas jista' jafhom għax huma spiritwalment magħrufin" (1 Korintin 2:14).

L-Ispirtu s-Santu huwa l-awtur tal-ħajja Kristjana, li tibda bir-riġenerazzjoni, it-twelid mill-ġdid. "Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem, u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu." L-Ispirtu s-Santu jgħammar f'kull Kristjan u b'hekk jinkludih fil-ġisem mistiku ta' Kristu (Rumani 8:9; 1 Korintin 12:13). Jagħtina l-qawwa biex inkunu xhieda ta' Kristu (Atti 1:8) u biex ngħixu ħajja qaddisa (Rumani 8:14). Jagħtina wkoll doni differenti biex nibnu u ngħinu lil xulxin fil-knisja. Huwa l-garanzija li nibqgħu sħaħ sa' l-aħħar, sakemm inkunu glorifikati (Efesin 1:13, 14).

Bħalma kien wiegħed Kristu, l-Ispirtu s-Santu ngħata lill-ewwel membri tal-knisja tat-Testment il-Ġdid f'Pentekostè u kienu mgħammda bl-Ispirtu s-Santu. Minn dakinhar 'il quddiem, kull kredent huwa mgħammed bl-Ispirtu (u mhux f'esperjenza distinta xi żmien wara l-konverżjoni, kif jgħallmu ħażin xi wħud). L-aħwa kollha jistqarru li, "bi Spirtu wieħed aħna *lkoll*... konna mgħammdin f'ġisem wieħed" (1 Korintin 12:13).

Il-ħidma ewlenija tal-Ispirtu s-Santu hi l-glorifikazzjoni tal-Mulej Ġesù Kristu (Ġwanni 16:14). Fejn Kristu hu eżaltat, meqjum u obdut mill-qalb, hemm qiegħed l-Ispirtu s-Santu bil-barka tiegħu.

# 13. IR-RIĠENERAZZJONI

Minħabba d-dnub, il-bniedem naturali huwa spiritwalment mejjet. "Intom kontu mejtin bil-ħtijiet u d-dnubiet, li fihom imxejtu fl-imgħoddi skond il-mixja tad-dinja, skond il-prinċep tal-ħakma tal-ajru, l-ispirtu li issa jaħdem f'ulied id-diżubbidjenza... fix-xewqat ħżiena ta' ġisimna" (Efesin 2:1-3). Peress li "mejjet," il-bniedem m'għandux komunjoni m'Alla; la għandu ħajra u lanqas saħħa biex idur lejh, anzi jkompli jitħassar fil-ħażen tiegħu.

Aktar minn kull ħaġa oħra, l-bniedem mejjet jeħtieġ il-ħajja. Bl-inizjattiva u l-qawwa tiegħu Alla jsejjaħ u jagħti ħajja ġdida lill-maħturin. "Imma Alla, li hu għani fil-ħniena, għall-imħabba kbira tiegħu li biha ħabbna, ukoll meta konna mejtin bid-dnubiet, tana l-ħajja flimkien ma Kristu" (Efesin 2:4, 5). Din il-ħidma hi msejjħa "riġenerazzjoni" jew "twelid mill-ġdid."

## L-ISPIRTU JAGĦTI L-ĦAJJA

It-twelid mill-ġdid huwa l-ħidma t'Alla waħdu, mingħajr l-għajnuna, il-kunsens jew il-koperazzjoni tal-bniedem. "Lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, lil dawk li jemmnu f'ismu. Li twieldu, mhux mid-demm, u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-

bniedem, iżda minn Alla" (Ġwanni 1:12, 13). Min jilqa' lill-Mulej Ġesù u jemmen fih? Żgur mhux min hu spiritwalment mejjet (dak jimxi skond id-dinja, skond ix-Xitan, skond ix-xewqat ħżiena). Jilqgħu l-Mulej dawk "li twieldu minn Alla." Imma forsi twieldu minn Alla għax għażlu huma skond ir-rieda tagħhom? Le, l-evanġelju jgħidilna li "twieldu, mhux mid-demm, u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-bniedem." Mela r-riġenerazzjoni hi xogħol Alla waħdu. Meta ma jibqax iżjed mejjet, meta jingħata l-ħajja, il-bniedem imbagħad bir-rieda ġdida tiegħu jilqa' lill-Mulej Ġesù bil-fidi.

Il-Mulej jgħallimna li t-twelid mill-ġdid huwa x-xogħol tal-Ispirtu s-Santu. "Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u mill-Ispirtu, ma jistax jiħdol fis-saltna t'Alla. Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem; u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu" (Ġwanni 3:5, 6). L-appostlu Pawlu jgħallem l-istess: "mhux bl-opri tajba li konna għamilna, iżda skond il-ħniena tiegħu salvana, bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid, u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu" (Titus 3:5). L-Ispirtu juża l-Kelma tal-evanġelju biex inissel il-ħajja: "Bir-rieda tiegħu wilidna bil-kelma tas-sewwa" (Ġakbu 1:18).

Il-Mulej bagħat id-dixxipli jxandru l-kelma tal-Evanġelju (Mattew 28:19). Il-qalba tal-messaġġ evanġeliku huwa l-Mulej Ġesù Kristu u l-ħidma tiegħu (l-inkarnazzjoni, il-ħajja, il-mewt, il-qawmien). L-Evanġelju jinkludi sejħa għall-indiema u fidi fi Kristu, u l-wegħda tal-maħfra lil

dawk li jisimgħu. L-istedina tal-Evanġelju tixxandar lill-bnedmin kollha, huma min huma. Madankollu mhux kollha jisimgħu; anzi ħafna jwebbsu aktar qalbhom u jkomplu jgħaffġu aktar fid-dnub. Il-ħtija tagħhom tkun akbar minn ta' dawk li qatt ma semgħu. Xi wħud jisimgħu s-sejħa, jindmu u jemmnu fi Kristu għax l-Ispirtu s-Santu jagħtihom l-abbiltà jisimgħu. Il-Kristjani għalhekk jistqarru li aħna "ħadna l-Ispirtu li hu t'Alla, biex nagħrfu l-ħwejjeġ mogħtijin lilna b'xejn minn Alla." Iżda fuq l-oħrajn l-Iskrittura tgħid: "Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ li huma tal-Ispirtu t'Alla" (1 Korintin 2:12, 14).

Għalkemm it-twelid mill-ġdid hu xogħol li Alla jwettqu mingħajr il-koperazzjoni tal-bniedem, ir-riżultat tal-ħajja ġdida tidher fil-bniedem. Wieħed jista' jagħraf jekk hux imwieled minn Alla meta f'ħajtu juri l-kwalitajiet ta' wlied Alla. L-ewwel nett: "Kull min jemmen li Ġesu hu l-Kristu hu mwieled minn Alla" (1 Ġwanni 5:1). Qabel ftit kien jimportah minn Ġesù; issa jafda fih għax hu konvint li huwa l-Kristu, l-Iben t'Alla, li l-Missier ħatar biex isalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. It-tieni: "Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub... kull min jagħmel is-sewwa hu mwieled minn Alla" (1 Ġwanni 3:9; 2:29). Ulied Alla jixbħu lil Missierhom; jitgħallmu jobogħdu dak li jobgħod hu, u jfittxu li jagħmlu r-rieda tiegħu mill-qalb. It-tielet: "Kull min iħobb hu mwieled minn Alla... aħna nafu li għaddejna mill-mewt għal ħajja għax inħobbu l-aħwa" (1 Ġwanni 4:7; 3:14). Il-fidi fi Kristu, il-qdusija u l-

imħabba huwa l-evidenza tat-twelid mill-ġdid u l-ħajja t'Alla fil-bniedem.

## IL-ĦAJJA ETERNA

Jista' wieħed imwieled mill-ġdid jintilef? Le, għaliex lil dawk li jemmnu fih Alla jagħtihom minn issa l-ħajja eterna. "Alla tana l-ħajja ta' dejjem, u din il-ħajja hi f'Ibnu" (1 Ġwanni 5:11). Ma jagħtihomx ħajja "temporali" li tiddependi fuq kundizzjonijiet li jistgħu ma jżommux. Alla jagħtihom minn din id-dinja il-ħajja li ma tintemm qatt. Il-pjan t'Alla għall-magħżulin tiegħu ma jfallix: "Lil dawk li ddestinahom minn qabel, lil dawn hu wkoll sejħilhom; u lil dawk li sejħilhom, lil dawn ukoll iġġustifikahom; u dawk li ġġustifikahom, lil dawn ukoll igglorifikahom" (Rumani 8:30). Sakemm jibqgħu fid-dinja jridu jħabbtu wiċċhom ma ħafna oppożizzjoni u tiġrib mis-sistema ħażina tad-dinja, mix-xitan, u saħansitra mid-dnub li jibqa' mwaħħal magħhom sakemm idumu fil-ġisem. Madankollu r-Ragħaj it-Tajjeb jieħu ħsieb in-nagħaġ tiegħu u jara li ebda waħda minnhom ma tintilef (Ġwanni 10:27, 28). Xejn ma jista' jifred lill-magħżulin t'Alla mill-imħabba eterna tiegħu (Rumani 8:35-39).

# 14. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI

Il-kelma "ġustifikazzjoni" hi terminu legali: is-sentenza tal-Imħallef favur l-akkużat meta jiddikjarah ġust, mhux ħati, u jeħilsu minn kull piena tal-liġi. L-oppost ta' ġustifikazzjoni hi l-kundanna: is-sentenza kontra l-akkużat meta l-Imħallef jiddikjarah ħati u ħaqqu l-kastiġ minħabba l-ksur tal-liġi. Min jobdi l-liġi huwa ġust, min jikser il-liġi huwa inġust u ħati. L-imħallef rett jikkundanna lill-ħati u jiggustifika l-ġust (Dewteronomju 25:1; Proverbji 17:15).

Alla kien jiġġustifikana kieku konna ġusti. F'dak il-każ ma kienx ikollna bżonn salvatur għax Kristu ma ġiex isejjaħ il-ġusti iżda l-midinbin. Fir-realtà lkoll dnibna billi ksirna l-liġi t'Alla; twelidna midinbin minħabba d-dnub oriġinali u komplejna inżidu ta' kuljum il-ħtijiet tagħna. Għalhekk ħalli "jingħalaq kull fomm, u d-dinja kollha ssir ħatja quddiem Alla" (Rumani 3:19). Is-sentenza ġusta t'Alla hija l-kundanna tagħna. Ilkoll ħatja; ilkoll ħaqqna l-Infern.

Ladarba l-Mulej jistmell "kemm min jiġġustifika il-ħażin u kemm min jikkundanna l-ġust," kif qatt mela nistgħu neħilsu? Quddiem l-Imħallef ġust, kif jista l-midneb jeħles mill-kundanna u l-kastig? Hawn dehret il-glorja tal-Evanġelju tal-grazzja għax Alla sab mezz kif ikun ġust u fl-istess ħin *jiġġustifika lill-ħażin*. Il-ġustifikazzjoni hi l-att

tal-grazzja t'Alla lejn il-midneb. Jaħfirlu dnubietu kollha, u jgħoddu bħala ġust f'għajnejh, mhux minħabba xi ħaġa magħmula fih jew minnu, imma biss minħabba l-ubbidjenza perfetta u t-tpattija sħiħa ta' Kristu mgħaduda lilu, u milqugħa bil-fidi biss.

## BIL-FIDI BISS

Il-midneb hu ġġustifikat permezz tal-fidi biss. Alla ma jiġġustifikax lill-bniedem minħabba l-ġustizzja personali li kiseb minħabba l-ubbidjenza għal-liġi. L-Iskrittura tiddikjara ċar: "Aħna nżommu li bniedem hu ġġustifikat bil-fidi mingħajr l-għemil tal-liġi" (Rumani 3:28). "Nafu li l-bniedem mhux iġġustifikat bl-opri tal-liġi, imma bil-fidi ta' Ġesù Kristu, biex inkunu ġġustifikati bil-fidi ta' Kristu, u mhux bl-opri tal-liġi; għax bl-opri tal-liġi ħadd ma jkun iġġustifikat" (Galatin 2:16). "Li l-ebda bniedem mhu ġġustifikat bil-liġi quddiem Alla hu ċar għax il-ġust jgħix bil-fidi" (Galatin 3:11).

Il-bniedem hu ġustifikat bil-fidi biss, mingħajr il-merti tal-opri. Dan ma jfissirx li l-fidi hi weħidha jew iżolata fil-bniedem ġustifikat. Il-fidi ġenwina dejjem tidher mill-opri tajba li tipproduċi. Iżda l-Kristjan ma jagħmilx l-opri sabiex ikun iġġustifikat quddiem Alla. "Imma għal dak li ma jaħdimx, izda jemmen f'dak li jiġġustifika l-ħażin, il-fidi tiegħu tingħadd bħala ġustizzja" (ara Rumani 4:4). Għalkemm midneb (il-kredent jibqa' midneb tul għomru

kollu, ara 1 Ġwanni 1:8), lil min jafda fil-Mulej Ġesù biex jeħilsu mid-dnub, Alla jiġġustifikah -- ma jgħoddx iżjed ħtijietu kontrih u minflok jgħoddu bħala ġust u ħieles minn kull kastig. "Imbierek hu l-bniedem li Alla jgħoddlu l-ħaqq mingħajr opri... imberkin dawk li ħtijiethom maħfura u li dnubiethom mgħottija. Imbierek ir-raġel li l-Mulej ma jgħoddlux id-dnub" (Rumani 4:6-8).

# BI KRISTU BISS

Kif jista' Alla ġust u rett ma jgħoddx id-dnub? Jista' forsi jagħlaq għajn waħda u jinjorah? Lill-kredent kif jista' "jgħoddlu l-ħaqq" (iqisu ġust) jekk ma ħadimx għalih? X'ġustizzja hi din li minħabba fiha jaċċettah?

Alla ma jgħoddx id-dnub tal-kredent kontrih għax Kristu, li m'għamel l-ebda dnub, daħal responsabbli għal dnubietu u ħallas għalihom fuq is-salib. Għalhekk il-Bibbja tgħid li Alla jiġġustifikom "permezz tal-fidwa li hi fi Kristu Ġesù li Alla qegħdu biex ikun il-propizjazzjoni permezz tal-fidi f'demmu" (Rumani 3:24, 25). Il-fidwa hija l-ħelsien mid-dnub; il-ħlas kien id-demm mxerred ta' Kristu. Kristu hu l-propizjazzjoni: Kristu berred l-għadab ġust t'Alla għall-midneb bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib. Minbarra li jeħilsu mid-dnub, Kristu jlibbes lill-kredent bil-ġustizzja (it-tjieba, il-perfezzjoni) tiegħu stess. "Bil-ġustizzja ta' wieħed waħdu l-għotja ġiet fuq il-bnedmin kollha għall-ġustifikazzjoni tal-ħajja… bl-ubbidjenza ta' wieħed il-

ħafna jsiru ġusti" (Rumani 5:17, 19). Fil-qosor, lil Kristu "li ma għaraf ebda dnub, Alla għamlu biex ikun dnub għalina; biex aħna nsiru l-ġustizzja t'Alla fih" (2 Korintin 5:21). Id-dnub tal-midneb ħadu Kristu; il-ġustizzja ta' Kristu ingħatat lill-midneb. Hekk mela Alla hu "ġust u jiġġustifka lil min jemmen f'Ġesù" (Rumani 3:26).

## BIL-GRAZZJA BISS

Il-ħaddiem jistħoqqlu u jimmerita l-paga fl-aħħar tax-xahar għax ħadem għaliha. Imma l-qaddej li kien jobgħod u jisraq lil sidu ma ħaqqux għajr il-kastig u l-għadab tiegħu. Jekk sidu jaħfirlu u jagħnih b'kull ġid ikun wera grazzja miegħu billi tah dak li ma kienx jixraqlu, li qatt ma ħadem għalih. Hekk jagħmel Alla ma min jemmen f'Ġesù. "Lil dak li jaħdem, il-ħlas ma jingħaddlux bħala grazzja imma bħala dejn. Imma għal dak li ma jaħdimx, iżda jemmen f'dak li jiġġustifika l-ħażin, il-fidi tiegħu tingħadd bħala ħaqq" (Rumani 4:4, 5).

Min jipprova jitħabbeb m'Alla bl-opri tiegħu jkun jiċħad il-grazzja t'Alla (ara Rumani 11:6; Galatin 5:4). Lill-kredenti Alla "jiġġustifikahom b'xejn bil-grazzja tiegħu" (Rumani 3:24). B'xejn! Bla ħlas! Mingħajr mertu fil-bniedem. Fl-istess waqt il-ġustifikazzjoni mhix irħisa. Il-ħlas tagħha huwa ta' valur infinit. "Aħna ġġustifikati b'demmu" (Rumani 5:9). Alla jiġġustifikana b'xejn għax ħallas għalina Ibnu stess!

Id-duttrina tal-ġustifikazzjoni hi vitali għalik u għall-knisja. Jekk niżbaljaw hawnhekk nitilfu kollox. Jeħtieġ inżommu sod l-Evanġelju kif preżentat fl-Iskrittura u niddefenduh kontra t-tbagħbis tal-bniedem. B'dispjaċir ninnotaw li sa llum il-knisja Kattolika għadha ma nidmitx mill-għelt tagħha. Għadha tinsisti li bniedem hu ġustifikat bil-fidi u l-opri, bi Kristu u bil-koperazzjoni umana, bil-grazzja u bil-merti tal-bniedem. Aħna nibqgħu nistqarru sal-mewt li konna ġustifikati permezz tal-fidi biss, bi Kristu waħdu u bil-grazzja pura t'Alla.

## FIDI ĦAJJA

It-tagħlim tal-Iskrittura sikwit jintuża għal għanijiet ħżiena. Id-duttrina tal-gustifikazzjoni bil-fidi biss hi vittma ewlenija tal-moħħ maqlub tal-bniedem. "Tajjeb! Ladarba ġustifikati bil-fidi u mhux bl-opri, ma nagħmel xejn. Anzi, jekk ġustifikati bil-grazzja, nista' nkompli ngawdi l-ħażen u nsalva xorta waħda!" Bluha bħal din tinstema' kulfejn jixxandar l-Evanġelju, illum ukoll bħalma kien fi żmien l-appostli (Rumani 6:1, 15).

Jeħtieġ naffermaw li l-bniedem hu ġustifikat quddiem Alla bil-fidi, u mhux bl-opri personali. Irridu nżidu wkoll li l-ħajja ta' kull Kristjan hi mimlija għemejjel tajba. Min tassew jemmen fi Kristu, u allura ġustifikat u paċi m'Alla, jwettaq opri tajba bi tweġiba għall-imħabba t'Alla lejh. "Aħna għarafna u emminna fl-imħabba li għandu Alla

għalina. Alla hu mħabba; u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla jgħammar fih” (1 Ġwanni 4:16). Kif taqbad tfiehem lil min jippretendi li tista’ tixtri l-Ġenna bl-opri li hemm mottiv ogħla u aktar pur -- *l-imħabba* -- għal ħajja qaddisa mimlija opri tajba?

Issib min jiftaħar li jemmem, għalkemm m'għandu ebda prova x'juri. Ġakbu jikxef l-fruha tiegħu u jisfidah: “Urini l-fidi tiegħek mingħajr opri (jekk tista'!), u jien nuri il-fidi tiegħi mill-opri tiegħi” (Ġakbu 2:18). Il-fidi li m’għandiex opri hi mejta; il-fidi mejta hi falza u ma tiġġustifika lil ħadd. F'kelma waħda, il-bniedem hu ġustifikat bil-fidi, u mhux bl-opri; u l-fidi li tiġġustifika hi dejjem msieħba ma’ opri tajba.

# 15. IL-QDUSIJA

Wara li tkellimna fuq il-ġustifikazzjoni, imiss li nitkellmu fuq aspett ieħor tas-salvazzjoni: il-qdusija. Il-ġustifikazzjoni hi l-qagħda legali; il-qdusija hi l-ħajja morali u spiritwali tal-Kristjan. Il-Mulej Ġesù mhux salvatur ta' nofs kedda. Ma ġiex biex jeħlisna mill-ħtija u l-kastig tad-dnub biss. Ġie biex jeħlisna mil-ħakma u l-ħmieg tad-dnub ukoll. "Kristu ħabb ukoll lill-knisja, u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha u jnaddafha" (Efesin 5:25, 26).

L-Iskrittura ssejjaħ lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu "qaddisin" (Rumani 1:7; 8:27; 15:25,26,31; 16:2,15). Il-kelma "qaddis" tfisser mifud, separat u ikkonsagrat. Il-Kristjani jissejħu qaddisin għax huma mnaddfa bid-demm ta' Kristu u kkonsagrati 'l Alla bl-Ispirtu s-Santu. Il-membri kollha tal-knisja, kbar u żgħar, irġiel u nisa, huma qaddisin. Huma qaddisin issa, illum, matul ħajjithom. M'hemmx għalfejn imutu, u jgħaddu ħafna snin biex fl-aħħar forsi jiddikjarawhom qaddisin. Jekk temmen fi Kristu, int ukoll qaddis: "fost dawk kollha li huma mqaddsin bil-fidi" fih (Atti 26:18).

# SEJĦA QADDISA

Peress li hu qaddis, kull Kristjan huwa msejjaħ biex jgħix fil-qdusija. Il-Kristjan ma jgħix tajjeb biex *isir* qaddis iżda għax diġa *hu* qaddis (ara Efesin 5:2). L-obbligu tal-Kristjan li jgħix ħajja qaddisa jidher minn dawn l-Iskritturi: "Ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u tal-ispirtu, billi nipperfezzjonaw t-taqdis tagħna fil-biża' t'Alla" (2 Korintin 7:1) "Din hi r-rieda t'Alla: it-taqdis tagħkom; li taħirbu miż-żena" (1 Tessalonkin 4:3). "Fittxu s-sliem ma' kulħadd, u l-qdusija, li mingħajrha l-ebda bniedem ma jara l-Mulej" (Lhud 12:14). "Bħalma hu qaddis dak li sejħilkom, hekk kunu intom ukoll qaddisin fl-imġieba tagħkom kollha għax hu miktub: Kunu qaddisin, għax qaddis jien" (1 Pietru 1:15, 16).

Kultant xi Evanġeliċi jgħidu: "Aħna midinbin bħall-oħrajn." Din mhix għajr umiltà falza u skuża zoppa biex niskużaw id-dnub mingħajr ma nħossu l-ħtieġa li nindmu u nikkonvertu. L-Iskrittura ma tgħidx fuqna d-dixxipli ta' Kristu li aħna "midinbin bħall-oħrajn." Tgħid minflok li aħna "qaddisin." Hemm bżonn urġenti nibdlu l-mentalità tagħna. Aħna qaddisin. Ħalli mela ngħixu ta' qaddisin għas-sebħ u l-foħrija t'Alla. Il-qdusija hi l-unika l-evidenza żgura tal-għażla t'Alla. In-numru u l-ismijiet tal-magħżulin t'Alla jafhom hu biss. Imma huwa ċar li l-magħżulin t'Alla fid-dinja jingħarfu mill-qdusija tagħhom. Għax Alla

"għażilna fi Kristu qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisin" (Efesin 1:4). Il-qdusija hi xi ħaġa evidenti. Is-sigra tingħaraf mill-frott tagħha (Luqa 6:44); hekk ukoll l-Kristjani jingħarfu mill-qdusija tagħhom.

Il-fidi li tgħaqqadna ma' Kristu biex niksbu l-maħfra u l-ġustifikazzjoni, ladarba tgħaqqadna miegħu, tipproduċi fina frott tajjeb. "Min jibqa' fija, u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott... jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal żarġuna, u jinxef; u jiġimgħuhom in-nies, u jitfgħuhom fin-nar u jinħarqu" (Ġwanni 15:5, 6). "Il-fidi" li ma tipproduċix frott hi fidi mejta billi hi weħidha. Fidi bħal din tixbaħ lit-twemmin tad-demonji, għax huma wkoll jemmnu f'Alla wieħed. Il-fidi li ssalva hi l-fidi ħajja li tagħmel il-frott. Fi ftit kliem, fejn m'hemmx qdusija fil-ħajja, m'hemmx fidi vera u lanqas ġustifikazzjoni.

## MIXJA QADDISA

It-taqdis huwa x-xogħol t'Alla (2 Tessalonikin 5:23) permezz tal-Ispirtu s-Santu (Rumani 8:11; 15:16; 1 Pietru 1:2). Ma jfissirx li l-bniedem huwa passiv jew ma jagħmel xejn. Weħidna ma nistgħu nagħmlu xejn tajjeb, imma bl-Ispirtu t'Alla nistgħu nagħmlu ħafna frott. Huwa Alla li jaħdem fina sew ir-rieda kif ukoll l-għemil skond kif jogħġob lilu (Filippin 2:13). Għalhekk il-ħidma t'Alla tidher fix-xewqat, l-għażliet u l-għemejjel ta' wliedu -- jitgħammdu, jitolbu, isumu, jisimgħu u jimmeditaw fuq l-

Kelma, jieħdu sehem fl-Ewkaristija, jaħdmu b'idejhom, jaħarbu mit-tiġrib, jistqarru dnubiethom, jindmu, jiltaqgħu flimkien biex iħeġġu lil xulxin, jaħfru, jieħdu pariri tajba, jitgħallmu s-sabar, il-ħniena u r-rażna. Bl-għajnuna t'Alla, l-Kristjani huma attivi u jaħdmu għall-qdusija tagħhom. Il-mezz ewlieni t'Alla għall-qdusija hija l-Kelma tiegħu. "Qaddishom fis-sewwa tiegħek," talab għalina Ġesù lill-Missier, u kompla, "Kelmtek hi s-sewwa." Il-Kelma t'Alla tagħtina mentalità ġdida li tissarraf f'valuri, għażliet u ħajja ġdida.

Il-qdusija tippermetti tkabbir u żvilupp. Aktar ġustifikat minn mindu sirt Kristjan ma tistax tkun. Aktar qaddis, iva, ċertament. Kull Kristjan għandu jikber fil-grazzja u l-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. L-appostlu Pawlu jesprimi l-attitudni realista: "Jien ma nqisx lili nnifsi li diġa' lħaqt it-tmiem; iżda dil-ħaġa biss nagħmel: ninsa l-ħwejjeġ ta' wara, u nimxi 'l quddiem biex nilħaq dawk il-ħwejjeġ li huma quddiemi" (Filippin 3:13).

Il-Kristjan ma jilħaqx f'did-dinja stat ta' perfezzjoni morali. "Jekk ngħidu li m'għandna l-ebda dnub, aħna nqarrqu bina nfusna, u s-sewwa mhux fina" (1 Ġwanni 1:8). Il-Bibbja twissina li "l-ġisem għandu xewqat kontra l-Ispirtu, u l-Ispirtu kontra l-ġisem; u dawn huma kontra xulxin biex ma tkunux tistgħu tagħmlu li tridu" (Galatin 5:17). Il-Kristjan m'għandux ikun sorpriż li jibqa' isib fih l-

għerq u t-tendenza għad-dnub. Din il-ġlieda spiritwali turi ċar li l-Kristjan huwa spiritwalment ħaj għax min hu spiritwalment mejjet ftit li xejn iħabbel rasu dwar il-ħażen fih. Il-Kristjan jiġġieled, jissara, u jirbaħ kontra l-ħażen; u meta jaqa', jindem u jistqarr dnubietu lill-Mulej. Mal-ħobżna ta' kuljum, jibqa' tul ħajtu jitlob 'l Alla l-Missier għall-maħfra. Il-Kristjan iħares 'il quddiem lejn il-jum meta jkun ħieles minn kull konflitt; jaf ukoll li sakemm jibqa' fil-ġisem irid ikompli jiġġieled il-ġlieda tal-fidi sal-aħħar.

## IL-ĠUSTIFIKAZZJONI U L-QDUSIJA

Il-Ġustifikazzjoni u l-Qdusija huma żewġ aspetti inseparabbli tas-salvazzjoni, bħal żewġ uċuħ ta' munita waħda. Ma tistax tifridhom għalkemm huma distinti minn xulxin. Imorru dejjem flimkien; min hu ġustifikat huwa wkoll mqaddes; il-qaddisin t'Alla huma kollha ġustifikati. Fl-istess ħin, ikun żball kbir jekk jitħalltu flimkien bħallikieku l-istess ħaġa. Il-ġustifikazzjoni huwa att ta' darba t'Alla dwar il-kredent, li *jgħoddu ġust* minħabba Kristu. Il-qdusija hija l-ħidma tal-Ispirtu t'Alla fil-kredent biex *jagħmlu ġust* bħal Kristu, u titkompla tul ħajtu kollha. Il-ġustifikazzjoni tagħtih qagħda legali perfetta għal dejjem; aktar ġustifikat ma jistax ikun. Mill-banda l-oħra, il-kundizzjoni morali fil-qalb u l-ħajja tal-kredent mhix perfetta f'din il-ħajja; għalhekk il-Kristjan għandu jsir

aktar u aktar qaddis matul il-mixja tiegħu. Il-kredent hu ġustifikat bil-ġustizzja ta' Ieħor, il-ġustizzja perfetta ta' Kristu, magħduda lilu, u mhux fuq il-merti tal-għemejjel personali; il-Kristjan jitqaddes u jsir ġust bl-għemejjel tajba personali li jwettaq bl-għajnuna t'Alla.

L-għemejjel l-aktar qaddisa tal-aktar Kristjan matur jibqgħu imperfetti. Għalhekk insostnu li ebda bniedem mhux ġġustifikat quddiem Alla bl-opri iżda bil-fidi fi Kristu. Il-ġustizzja li biha nidhru quddiem Alla hija l-ġustizzja ta' Wieħed ieħor, ta' Kristu s-Salvatur tagħna. Madankollu, l-qdusija u l-għemejjel tajba ta' wliedu jogħġbu 'l Alla. (Lhud 13:16; Kolossin 3:20; 1 Ġwanni 3:22). Bħalma missier jitgħaxxaq meta ibnu jipprova jogħġbu u jimitah, hekk Missierna fis-smewwiet jitgħaxxaq bl-għemejjel ġusti tagħna. Il-Mulej hu ġeneruż u jagħti kumpens lil uliedu skond għemilhom (Rivelazzjoni 22:12). Il-qdusija hija x-xhieda tal-karattru tagħna f'Jum il-Ħaqq. L-opri juru x'inhu l-bniedem. Siġra tajba tagħmel frott tajjeb; siġra ħażina, frott imħassar. "Dawk li għamlu t-tajjeb għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen għall-qawmien tal-kundanna" (Ġwanni 5:29). Ħadd mhu ġustifikat quddiem Alla minħabba l-opri; fl-istess ħin, ħadd mhu gustifikat quddiem Alla mingħajrhom.

# 16. IL-KNISJA

Qed ngħixu f'soċjetà individwalistika. L-enfasi taqa' fuq "il-jien, tiegħi, lili." Il-reliġjon ukoll ma teħlisiex mill-istess attitudni: jimportani kif insalva jien, kif inħossni jien, x'nista' nikseb jien! Mhux hekk l-Iskrittura. L-enfasi hu l-kollettiv: "ħobzna ta' kuljum agħtina, aħfrilna dnubietna, eħlisna mill-ħazen" – mhux agħtini, aħfirli, eħlisni. L-għan tas-salvazzjoni hu li Alla jkun il-Missier ta' familja; Kristu jkun r-Ras u s-Salvatur tal-knisja, li hi ġismu; l-Ispirtu s-Santu jgħammar f'tempju ħaj u qaddis. Il-familja sabiħa meta l-ulied jiftiehmu u jgħixu flimkien. L-id, l-għajn, il-widna u r-rigel ma jistgħux jgħixu jekk mhux bħala membri f'ġisem wieħed. Il-ġebla, ma' ħafna oħrajn u b'forom differenti, flimkien jifformaw binja waħda, tempju glorjuż tal-Ispirtu t'Alla.

Fil-knisja, il-ġabra jew l-għaqda tal-aħwa flimkien, l-Kristjan jitgħallem jaħseb u jgħix mhux għalih biss, imma għall-ohrajn ukoll, biex flimkien mal-aħwa jagħti sebħ 'l Alla.

## WAĦDA, KATTOLIKA, QADDISA U APPOSTOLIKA

F'wieħed mill-kredijiet antiki nistqarru li l-knisja hi "waħda, qaddisa, kattolika u appostolika."

Kristu għandu ġisem wieħed, Knisja waħda, li tilħaq il-milja tagħha meta l-magħżulin kollha t'Alla jinġabru lkoll flimkien fl-aħħar jum. L-unità mhix ir-riżultat ta' xi organizzazzjoni ġganteska bħalma hi l-ġerarkija Rumana. L-għaqda tal-Knisja hi spiritwali, kif tinsisti l-Iskrittura: "Bi Spirtu wieħed aħna lkoll, sew Lhud u kemm Ġentili, sew lsiera u kemm ħelsin, konna mgħammdin f'ġisem wieħed" (1 Korintin 12:13).

L-Iskrittura ssejjaħ "knisja" kull komunità tad-dixxipli f'postijiet differenti. F'dan is-sens hemm ħafna knejjes (ngħidu aħna, il-knisja f'Korintu, il-knisja f'Efesu u l-knisja f'Ruma). Il-ħafna knejjes ta' Kristu, għalkemm b'xejriet u karatteristiċi distintivi, isibu l-unità bejniethom f'fidi u mħabba waħda lejn Kristu.

Minkejja d-dgħufijiet tagħna, id-dixxipli kollha jissejjħu "qaddisin" anke meta għadhom fuq l-art. Il-Kristjani Evanġeliċi jqisu u jsejjħu lil xulxin qaddisin. Mhux għax aħna prużuntużi jew nippretendu li lħaqna t-tmiem. Imma għax konvinti li dak li kien impossibbli nagħmluh aħna, Kristu wettqu għalina. "Aħna tqaddisna bl-offerta ta' Ġesù Kristu darba għal dejjem" (Lhud 10:10). Barra minn hekk, il-knisja hi qaddisa għax l-Ispirtu Qaddis jgħammar fiha (1 Korinitin 3:16, 17).

Il-kelma "kattolika" tfisser "universali." Fit-Testment il-Qadim il-poplu t'Alla kien jikkonsisti l-biċċa l-kbira mill-

ġens Lhudi. L-affarijiet inbidlu fit-Testment il-Ġdid. Qabel it-tlugħ fis-sema, il-Mulej Ġesù Kristu bagħat id-dixxipli fid-dinja jxandru u jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha. Il-Knisja hi kattolika għax tikkonsisti minn nies ta' kull nazzjon. Ilkoll flimkien ifaħħru l-Ħaruf għax "Int fdejtna għal Alla b'demmek minn kull tribù, u lsien, u poplu, u ġens" (Rivelazzjoni 5:9). Għalkemm ma jissemmewx b'dan it-titlu, il-knejjes Evanġeliċi mifruxa mal-erbat irjieħ, huma tassew kattoliċi.

Knisja partikolari tkun tabilħaqq appostolika jekk tħaddan fedelment it-tagħlim tal-appostli. Fuqhom, fuq it-tagħlim tagħhom, hi mibnija l-knisja għax il-Mulej Alla għadda l-messaġġ evanġeliku permezz tal-Ispirtu s-Santu lill-appostli u l-profeti (Efesin 2:20). Fil-providenza tiegħu Alla ried li d-duttrini kollha tal-Fidi appostolika jitniżżlu fil-Kotba Mqaddsa biex jitħarsu għall-ġenerazzjonijiet ta' wara. Il-knejjes Evanġeliċi huma tassew appostoliċi għaliex iżommu sħiħ mat-tagħlim ewlieni tal-appostli kif irrekordjat fil-paġni tal-Iskrittura.

Knisja mhix bilfors "appostolika" għax il-mexxejja tagħha huma s-suċċessuri storiċi tal-appostli (kif tesiġi l-knisja Rumana u l-knisja Ortodossa). L-appostlu Pawlu wissa lill-presbiteri (l-isqfijiet) li wara t-tluq tiegħu "lpup ħorox jidħlu fostkom, u ma jaħfruhiex lill-merħla. Ukoll minn fostkom stess iqumu rġiel, jitkellmu ħwejjeġ mgħawwġa, biex jiġbdu dixxipli warajhom" (Atti 20:29). Uħud mill-

ilpup lebsin ta' nagħaġ, isqfijiet foloz, oriġinaw minn fost l-isqfijiet ta' żmien l-appostli. Jistgħu jiftaħru kemm iridu "bis-suċċessjoni appostolika" – b'daqshekk it-tagħlim tagħhom ma jsirx anqas żbaljat. Miskin min jimxi wara dawk is-suċċessuri tal-appostli!

## IL-ĦAJJA TAL-KNISJA

Il-Mulej Ġesù Kristu hu r-Ragħaj il-Kbir u r-Ras tal-knisja (1 Pietru 5:4; Kolossin 1:18). Għalkemm il-Mulej tela' s-sema, ma telaqx id-dixxipli tiegħu weħidhom (Ġwanni 16:7). Lanqas ma ħalliena mingħajr il-Kelma tiegħu, iżda ħa ħsieb li t-tagħlim kollu li l-Knisja għandha bżonn jinkiteb fil-kotba tal-Iskrittura. Il-Knisja mmexxija mill-Ispirtu ta' Kristu hi l-Knisja li temmen u tobdi l-Bibbja.

Il-Mulej jagħżel minn fost l-aħwa mexxejja biex jieħdu ħsieb kull knisja lokali, jgħallmuha u jieħdu ħsiebha. Il-membri għandhom jissottomettu ruħhom għat-tmexxija tal-presbiteri (Lhud 13:17). Fil-Bibbja jissejħu b'diversi ismijiet – pastors (rgħajja), xjuħ (presbiteri) u isqfijiet. Dawn huma ismijiet differenti tal-istess persuna. Ix-*xjuħ* (presbiteri) tal-knisja f'Efesu jissejħu *għassiesa* (isqfijiet) u xogħolhom hu li jirgħu (pastor) il-merħla (Atti 20:17, 28).

Kull dixxiplu ta' Kristu għandu l-privileġġ u l-obbligu jingħaqad mal-aħwa fi knisja lokali, sew biex jirċievi

għajnuna u biex jgħin lil ħaddieħor. "Ħa nieħdu ħsieb xulxin biex nitħeġġu fl-imħabba u fl-għemil it-tajjeb, bla ma nonqsu lil niltaqgħu flimkien" (Lhud 10:24, 25). Il-knisja tikkonsisti minn ħafna membri; ilkoll għandna bżonn xulxin. Kull membru għandu doni mogħtija mill-Ispirtu s-Santu biex jaqdi lill-bqija tal-knisja. "Skond id-don li kull wieħed ħa, għinu lil xulxin... jekk xi ħadd jitkellem qisu bi kliem Alla; jekk xi ħadd jaqdi, ħa jagħmlu bis-setgħa li tah Alla, biex f'kollox ikun igglorifikat Alla b'Ġesù Kristu" (1 Pietru 4:10, 11).

Il-Mulej ta lill-knisja mezzi ta' grazzja, strumenti li bihom ikabbar u jsaħħaħ lid-dixxipli. L-ewwel u qabel kollox tana il-Kelma, speċjalment il-Kelma pridkata. L-appostlu Pawlu qal lil Timotju: "Nitolbok mela quddiem Alla, u Sidna Ġesù Kristu... xandar il-kelma" (2 Timotju 4:1, 2). Il-Mulej ta wkoll żewġ ordinanzi (jew sagramenti): il-Magħmudija u l-Ikla tal-Mulej (Mattew 28:19; 1 Korintin 11:23-26). Il-magħmudija jirċevuha dawk li jemmnu l-evangelju (Mark 16:16) bħala sinjal tal-għaqda tal-fidil ma' Kristu fil-mewt u l-qawmien tiegħu (Rumani 6:3, 4) u tal-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:28). Għandhom jitgħammdu dawk li jindmu minn dnubiethom, u jafdaw fi Kristu għas-salvazzjoni tagħhom (Atti 2:37-41; 8:12; 18:8; 19:4, 5). Fl-Ikla tal-Mulej (il-Komunjoni, l-Ewkaristija) nieklu l-ħobż u nixorbu l-frott tad-dielja (Mark 14:22-24; 1 Korintin 11:23-29) b'tifkira tal-Mulej, tħabbira tas-sagrifiċċju

tiegħu fuq is-salib, u b'sinjal tal-komunjoni bejnietna u ma' Kristu (1 Korintin 11:24-26; 10:16).

# 17. IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

Il-futur ma nafuhx għax la nafu kollox u lanqas għandna kontroll fuq il-ġejjieni. Il-pjanijiet tagħna sikwit jisfaxxaw fix-xejn. Alla mhux bħalna. Alla jaf it-tmiem mill-bidu. Jaf u jgħarrafna ħwejjeġ li għadhom ma seħħewx għax il-ġejjieni jiddeterminah u jikkawżah hu stess. Kuntrarju għall-pjanijiet tagħna, l-għan t'Alla ma jinbidilx u ma jitħassarx: "Tkellimt, u nġiegħlu li jseħħ." Lilna ma qalilniex kollox; qalilna biżżejjed għall-ġid spiritwali tagħna, mhux biex nissodisfaw il-kurżità iżda biex ikollna qalbna qawwija li fl-aħħar mill-aħħar Alla se jirbaħ fuq l-għedewwa tiegħu, iwissina fuq il-ħaqq li ġej, u jagħti lil uliedu tama ċerta.

## IL-MEWT

Il-mewt daħlet fl-esperjenza umana minħabba l-Waqa' tal-ewwel ġenituri. Dakinhar Alla qal lil Adam: "B'għaraq wiċċek tiekol il-ħobż sakemm tarġa' tmur lejn l-art; għax minnha kont meħud: għax trab int, u fit-trab tarġa tmur" (Ġenesi 3:19). Għalkemm il-ġisem jitħassar, l-Iskrittura tagħtina tama li tmur 'l hemm mill-qabar.

Meta mmutu l-ispirtu jinfired mill-ġisem. Għalhekk il-Bibbja tgħallimna li "ġisem bla spirtu hu mejjet" (Ġakbu 2:26). Il-Bibbja tiddeskrivi l-mewt hekk: "Imbagħad jerga'

t-trab lejn l-art bħalma kien; u l-ispirtu lejn Alla, li tah" (Ekkleżjażti 12:7). Il-ġisem jerġa' lura lejn it-trab li minnu kien msawwar; l-ispirtu jmur lejn il-Ħallieq. L-appostlu Pawlu jirraġuna, "Għalija l-ħajja hi Kristu u li mmut qliegħ" (Filippin 1:21-23). Il-mewt tissarraf fi qliegħ għad-dixxipli ta' Ġesù. Żgur mela mhix it-tmiem ta' kollox. L-appostlu jagħti raġuni għalfejn jaqbillu jmut; jgħid: "Għandi xewqa li nitlaq, u li nkun ma' Kristu, li hu wisq aħjar." Naturalment meta Pawlu miet difnu l-ġisem tiegħu imma ruħu telqet biex tkun ma' Kristu. Dan jgħodd għall-aħwa kollha għax l-istess appostlu jikteb li "sakemm aħna fil-ġisem, aħna nkunu mbegħdin mill-Mulej... u rridu noħorġu mill-ġisem u ngħammru mal-Mulej" (2 Korintin 5:6, 8).

Il-Kristjan jingħaqad mal-Mulej immedjatament kif imut. L-Iskrittura ma ssemmix u ma tgħallimx li hemm post ta' tisfija, il-purgatorju. Tassew, ħadd ma jista' jidħol il-Ġenna fil-preżenza t'Alla mċappas bid-dnub jew mgħobbi bid-dejn ta' dnubietu. Madankollu l-Iskrittura tgħallem li Ġesù Kristu ħa fuqu l-ħażen ta' niesu u ħallas għalih b'mewtu fuq is-salib. Id-demm ta' Ġesù Kristu jnaddafna minn kull dnub (1 Ġwanni 1:7). Ladarba d-demm ta' Kristu jnaddaf il-kredent minn kull dnub, taħseb li wara mewtu Alla se jibgħatu fil-purgatorju biex jitnaddaf? Min hu nadif m'għandux bżonn jinħasel. M'hemmx post imsejjaħ "Purgatorju" iżda hemm Salvatur, Ġesù Kristu, li jnaddaf għalkollox li dawk li jafdaw fih.

# Se Jerġa' Jiġi!

Wara l-qawmien, il-Mulej Ġesù tela' s-sema fejn qiegħed isaltan fuq il-leminija t'Alla u jinterċiedi għalina l-poplu tiegħu. Għad jasal Jum meta Kristu jerġa' jiġi. Żewġ anġli waqfu ħdejn id-dixxipli u qalulhom: "Ja rġiel tal-Galilija, għax qegħdin tħarsu fiss lejn is-sema? Dan l-istess Ġesù, li rtafa fis-sema minn magħkom, hekk għad jerġa' jiġi bħal ma rajtuh sejjer fis-sema" (Atti 1:11). Il-Mulej Ġesù stess qal li għad "jaraw lil Bin il-bniedem ġej fis-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira" (Mattew 24:30). L-ewwel darba Ġesù ġie tarbija fqira fil-moħbi ta' raħal ċkejken. Fit-tieni miġja l-Mulej Ġesù se jiġi bil-glorja u qawwa kbira mal-anġli tiegħu. Dakinhar in-nies kollha jarawh, kif tgħid l-Iskrittura: "Ara, ġej mas-sħab, u tarah kull għajn" (Rivelazzjoni 1:7).

Bejn l-ewwel u t-tieni miġja ta' Kristu qed iseħħu l-ħwejjeġ kollha profetizzati fl-Iskrittura. Il-Mulej wissa lid-dixxipli li se jkunu persegwitati. Ħafna Kristjani mietu martri għal ismu. Ġesù qal ukoll li se jkun hawn gwerer, terremoti, ġuħ u pesta (Mattew 24). It-tieni miġja sseħħ wara li jixxandar l-Evanġelju lill-ġnus kollha. "L-Evanġelju tas-saltna jixxandar mad-dinja kollha bħala xhieda lill-ġnus kollha; imbagħad jiġi t-tmiem" (Mattew 24:14). Il-Mulej iwissina wkoll li jqumu ħafna "Kristijiet foloz" li jqarrqu b'ħafna nies. Iwissina biex ma nitqarrqux minn

sinjali u għeġubijiet għax dawn huma kollha ħidma tal-għadu qarrieq, ix-Xitan (ara 2 Tessalonkin 2:8-14). M'għandniex nimpressjonaw ruħna b'mirakli finta. Huwa ferm inkwetanti li f'dan iż-żmien ħafna nies aktar qed ifittxu esperjenzi emozzjonali u fejqan mirakoluż milli l-verità tal-Evanġelju, il-qdusija u l-imħabba lejn l-oħrajn.

Ħafna bassru u iffissaw id-data tar-ritorn ta' Kristu. Kollha kemm huma kienu żbaljati. Il-Mulej Ġesù qalilna: "Imma dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, ħlief il-Missier waħdu" (Mattew 24:36). Jiżbalja min jippretendi li jaf jum ir-ritorn ta' Kristu. "Jum il-Mulej jasal bħal ħalliel billejl" (1 Tessalonkin 5:2); il-ħalliel ma javżakx meta jkun ġej iżurek! Il-Mulej iqabbel il-miġja tiegħu ma' żmien id-dulluvju. In-nies ma kinux jemmnu li ġej il-ġudizzju t'Alla fuq id-dinja u għalhekk baqgħu għaddejjin bil-ħajja tas-soltu; jieklu u jixorbu, jiżżewwġu u jingħataw għaż-żwieġ. Imbagħad f'daqqa waħda wasal il-jum tal-biża', beda l-katastrofi u ma kinux preparati. "Ishru mela, għaliex ma tafux la l-jum u lanqas is-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem" (Mattew 25:13). Lest biex tiltaqa' mal-Mulej? Temmen fih? Qed tgħix għalih?

## IL-MIĠJA TAL-MULEJ

Meta jerġa' jiġi Kristu jqajjem il-mejtin kollha, tajbin u ħżiena. Bil-qawwa divina tiegħu l-Mulej Ġesù jerġa' jagħti

l-ħajja lill-mejtin. “Tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna” (Ġwanni 5:28, 29). Il-Bibbja tiddeskrivi d-dixxipli meta jmutu bħala “reqdin fil-mewt” għax bħall-irqad, il-mewt ma tibqax għal dejjem. Fil-qawmien il-Mulej jerġa’ jsawwrilna ġisem ġdid li ma jmut qatt iżjed, bħalma minn żerriegħa Alla jkabbar xitla ġdida. Imbagħad tintlaħaq il-milja tas-salvazzjoni tagħna. “Il-ġisem jinżara’ fit-taħsir, iqum bla taħsir; jinżara’ fil-għajb, iqum fil-glorja; jinżara’ fin-nuqqas ta’ saħħa, iqum fil-qawwa” (1 Korintin 15:42, 43).

Bil-ħerqa u ferħ kbir inħarsu ‘l quddiem lejn miġjietu. “Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża t’Alla l-kbir u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu” (Titus 2:13). L-aħwa li kienu mietu jqumu b’ġisem glorifikat; l-aħwa li jkunu għadhom ħajjin f’dak il-jum jinbiddlu f’ħakka t’għajn (1 Korintin 15:51). Ilkoll flimkien ninħatfu minn din l-art biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Minn dakinhar ‘il quddiem nkunu dejjem mal-Mulej (1 Tessalonkin 4:14-17).

X’se jiġri mill-univers preżenti? L-appostlu Pietru jgħidilna: “Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu... bħal ħalliel billejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet jgħibu b’ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-għemejjel ukoll li fiha

jinħarqu” (2 Pietru 3:9-10). Alla jerġa’ joħloq smewwiet ġodda u art ġdida u b’hekk l-univers jitnaddaf mis-saħta tad-dnub darba għall-dejjem. “Skond il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom jgħammar il-ħaqq” (2 Pietru 3:13).

Iblah min, biex jikseb l-hena u l-paċi, jittama fi ħwejjeġ li qed jgħaddu u jintemmu. Il-fiduċja tagħna għandha sserraħ fuq Ġesù Kristu biss. Hu wiegħed lilna l-knisja, il-maħbuba tiegħu: “Tassew, niġi dalwaqt.” Aħna nweġbuh minn qalbna: “Amen, iva, ejja, Mulej Ġesù” (Rivelazzjoni 22:20).

# 18. ID-DESTIN FINALI

Il-Mulej "ġej biex jagħmel ħaqq mill-art; hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, u mill-popli bis-sewwa tiegħu" (Salm 96:13). Kulħadd se jkun iġġudikat: "Daqskemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, kull irkoppa tiltewa quddiemi, u kull ilsien jistqarr 'l Alla. Għalhekk kull wieħed minna jagħti kont 'l Alla tiegħu nnifsu" (Rumani 14:11, 12).

## JUM IL-ĠUDIZZJU

Meta se jseħħ il-ġudizzju? Xi aħwa jemmnu f'diversi ġudizzji mqassmin fuq perjodu ta' aktar minn elf sena. Iżda l-Iskrittura ma ssemmix *jiem* ta' ġudizzju, iżda *jum* wieħed. Alla "waqqat *jum* li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja" (Atti 17:31). Il-Mulej Ġesù jorbot dan l-avveniment mal-jum tar-ritorn tiegħu. Hu qal: "Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu, u jinġabru quddiemu l-ġnus kollha." Il-Mulej jirrakkonta kif isir il-ġudizzju ta' kulħadd, tat-tajbin u l-ħżiena (Mattew 25:31, 32). Mela l-ġudizzju se jseħħ meta l-Mulej Ġesù jiġi fil-glorja.

Min se jkun l-Imħallef? Alla l-Missier ħatar 'l Ibnu biex jagħmel ħaqq minn kulħadd (Ġwanni 5:22). L-Iskrittura tgħid li Kristu se "jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin

fid-dehra tiegħu, u fis-saltna tiegħu" (2 Timotju 4:1). L-appostlu Pawlu jfakkar lill-Kristjani: "Aħna lkoll jeħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu fil-ġisem, sew tajjeb, kemm ħażin" (2 Korintin 5:10).

F'dak il-Jum jinfirdu t-tajbin mill-ħżiena. Alla jrodd lil kull bniedem skond għemilu. Lil dawk li bis-sabar komplew fl-għemil tajjeb, il-ħajja ta' dejjem; iżda niket u dwejjaq fuq kull ruħ ta' bniedem li għamel il-ħażen (ara Rumani 2:6-10). Il-Mulej iwissi serjament lil dawk li llum isejħulu, "Mulej, Mulej," waqt li jibqgħu jgħixu fid-dnub. Dakinhar jgħidilhom: "Jien qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen" (Mattew 7:21-23). L-ipokrezija ta' dawn "l-Insara" tal-isem tinkixef f'dak il-Jum. Ulied Alla, dawk li tassew jemmnu fih, jingħarfu minn għemilhom u l-ħajja qaddisa tagħhom, bħalma jinkixfu l-mitlufa mill-opri ħżiena.

Għalkemm ngħixu ħajja qaddisa u umli quddiem Alla, aħna l-Kristjani wkoll nagħmlu ħafna żbalji u dnubiet bħall-bqija tal-bnedmin. Kif mela se neħilsu mill-kundanna li ħaqqna? Ma nkunux ikkundannati mal-oħrajn għax nemmnu fil-Mulej, il-Salvatur tagħna, li Alla bagħat biex jifdina, jiġifieri jeħlisna mill-kundanna ta' dnubietna (ara Galatin 4:4, 5). Il-Mulej wegħdna: "Min jisma' kelmti u jemmen f'dak li bagħtni ma jiġix għall-kundanna" (Ġwanni 5:24). Żgur li dakinhar iżomm kelmtu magħna.

# L-INFERN

Il-ħżiena huma kkastigati u mitfugħa fl-Infern, 'il bogħod mill-preżenza t'Alla. Is-Sultan jagħti s-sentenza terribbli: "Morru minn fejni, ja misħutin, fin-nar ta' dejjem, imħejji għax-xitan u l-anġli tiegħu... u dawn imorru fil-kastig ta' dejjem" (Mattew 25:41, 46). Il-kastig ikun jaqbel mal-ħażen u l-ħtija tagħhom. Min għamel l-akbar ħażen, jieħu kastig akbar, bħalma qal Ġesù li xi wħud jieħdu "kundanna akbar" (Luqa 20:47).

Xi nies jgħidu li wara l-mewt m'hemm xejn izjed. Oħrajn jgħidu li l-Infern jinsab hawn f'din id-dinja fit-tbatija u l-inkwiet li nġarrbu. Imma l-Bibbja tgħallimna li hemm Infern, post id-demonji u n-nies ħżiena. Il-Mulej Ġesù sejjaħlu "il-forn tan-nar: hemm ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien" (Mattew 13:42). Il-Bibbja ssemmih ukoll "l-għadira tan-nar" (Rivelazzjoni 20:15). Fil-Vanġelu l-Mulej jirrakkonta l-istorja ta' wieħed għani ħażin u Lazzru, raġel fqir u marradi. Lazzru miet u nġab mill-anġli fi ħdan Abraham. L-għani miet ukoll u ndifen, iżda l-mewt ma kinitx it-tmiem ta' kollox. Ġesù jkompli: "U fl-infern waqt li kien fit-tbatija" (Luqa 16:23). Wara mewtu dan il-bniedem kien konxju u fit-tbatija. Il-Mulej Ġesù tkellem fuq l-Infern aktar milli tkellem fuq il-Ġenna. Ġesù jaf sew x'inhu l-Infern, u bħalma omm twissi lit-tfal tagħha mill-

perikli, hekk ukoll l-Imgħallem tagħna jwissina dwar il-periklu tan-nar li ma jintefa’ qatt.

Kemm idum il-kastig fl-Infern? Il-ħsieb li bniedem jintbagħat f’post ta’ tbatija għal dejjem hu verament tal-biża’. Mhux ta’ b’xejn ħafna ma jemmnux. Hemm min jgħid li l-kastig tal-Infern idum għal ftit żmien biss; imma l-Bibbja tgħallem li jibqa’ għal dejjem. Il-Mulej Ġesù jiddikjara li l-ħżiena “jmorru fil-kastig ta’ dejjem” (Mattew 25:46). F’post ieħor iwissina: “Jekk idek tfixklek, aqtagħha. Aħjar ikun għalik li tidħol magħtub fil-ħajja, milli jkollok iż-żewġ idejn biex tmur l-infern, fin-nar li ma jintefa qatt” (Mark 9:43).

X’inhi l-agħar ħaġa dwar l-Infern? Il-Bibbja ssemmi n-nar, id-dlam, il-biki u tgħażżiż ta’ snien; kollha jindikaw il-kruha u t-tbatija tal-mitlufa. Mingħajr dubju l-agħar tbatija tal-Infern hi l-firda eterna mill-Ħallieq. Is-Sultan jippronunzja s-sentenza: “Morru min fejni, ja misħutin, fin-nar ta’ dejjem, imħejji għax-xitan u l-anġli tiegħu” (Mattew 25:41). Morru min fejni! Agħar minn hekk ma nistax nimmaġina.

## Il-Ġenna

Aħna d-dixxipli ta’ Kristu għad ningħataw ħlas skond għemilna bħalma wegħdna: “Ara, sa niġi dalwaqt, u ħlasi hu miegħi, biex inħallas lil kull bniedem skond għemilu”

(Rivelazzjoni 22:12). X'hemm isbaħ f'dak il-Jum milli nisimgħu lill-Mulej jgħidilna: "Ejjew, ja mberkin ta' Missieri, irtu s-saltna mħejjija għalikom mit-tisjis tad-dinja" (Mattew 25:34).

Aħna l-Kristjani pellegrini fuq din l-art (Lhud 11:13; 1 Pietru 2:11); id-dinja mhix darna jew pajjiżna. Mexjin għal għonq it-triq lejn dar u pajjiż tas-sema fejn jgħammar Alla, il-Mulej u s-Salvatur tagħna. Il-Bibbja ssejjaħ dan il-post b'diversi ismijiet, fosthom: Ġenna (2 Korintin 12:4); Sema (2 Korintin 12:2; Lhud 9:24); Belt (Lhud 11:10, 16; 12:22); u Dar il-Missier (Ġwanni 14:2). Matul l-pellegrinaġġ hawn isfel nibku, inbatu u fl-aħħar immutu wkoll. Fil-Ġenna dawn il-miżerji jispiċċaw darba għal dejjem. "Ara, l-għamara t'Alla hi mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla stess ikun magħhom, u jkun Alla tagħhom. U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed: għax id-dinja ta' qabel tkun għaddiet" (Rivelazzjoni 21:3, 4).

Il-Ġenna post mill-isbaħ, ferm oħla milli nistgħu nimmaġinaw. Fuq kollox qalb il-Kristjan tinġibed lejn is-Sema għax hemm jiltaqa' mas-Salvatur maħbub, il-Mulej Ġesù. "Ngħid għalija, jien għad nara wiċċek fil-ħaqq; għalija biżżejjed, xħin nistenbaħ bid-dehra tiegħek" (Salm 17:15). Il-Mulej Ġesù talab lill-Missier: "Missier, irrid illi

dawk ukoll, li inti tajtni, ikunu miegħi fejn inkun jien; biex jaraw il-glorja tiegħi" (Ġwanni 17:24).

Il-Mulej Ġesù qalilna: "F'dar Missieri hemm ħafna għamajjar; kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inħejji post għalikom. U jekk immur u nħejji post għalikom, nerġa' niġi, u nilqagħkom għandi; biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll" (Ġwanni 14:2, 3). Xi darba l-Mulej se jerġa' jiġi u jilqagħna għandu. Minn dak iż-żmien, inkunu għal dejjem miegħu. Dik hi l-Ġenna!